**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 24 ta' Ġunju 2021

Rikors Numru: 239/2012 AL

**AB**

**vs**

**CB**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 393/2005)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimat izzewgu fid-9 ta' April, 2005 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. KG 1 u frott ta' dan iz-zwieg twieled il-minuri G B li llum il-gurnata ghandu hames (5) snin (certifikat tat-twelid anness KG 2);*

[1] Fol. 1.

2. *Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet reza impossibbli minhabba ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimat u kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn sena u nofs u f'dan iz-zmien kienet ir-rikorrenti li b'mod esklussiv hadet hsieb lil binha l-minuri G u dan ukoll kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

4. *Illi huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li r-rikorrenti tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

5. *Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx u ghaldaqstant ir-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet datat 20 ta' Settembru 2011 (ara Dok KG3 hawn anness);*

*Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri G f'idejn ir-rikorrenti esklussivament;*

3. *Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment tal-minuri, liema manteniment ghandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u sahha tal-minuri u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-intimat direttament lir-rikorrenti f'kont bankarju ndikat mill-istess rikorrent f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;*

4. *Tiffissa somma adegwata bhala manteniment ghar-rikorrenti u konsegwentament tordna lill-intimat sabiex ihallas tali somma hekk likwidata f'kont bankarju ndikat mill-istess rikorrenti f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;*

5. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu tal-manteniment;*

6. *Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, mhux necessarjament ugwali;*

7. *Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;*

8. *Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti;*

9. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' Vella.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Giovanni B,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi l-eccipjenti jaqbel li ghandha tigi ppronuncjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti, izda dana ghal ragunijiet u htijiet imputabbli unikament lill-attrici;*

2. *Illi l-eccipjent dejjem kellu sehem attiv fil-hajja ta' ibnu minuri, fil-fatt tinsab relazzjoni ottima bejniethom u minn mindu sseparaw de facto zamm kuntatt konsistenti mieghu u jtih l-attenzjoni li jixraq ta' missier waqt il-hinijiet ta' l-access. B'hekk, l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun konjuntiva u ma hemm l-ebda raguni valida ghaliex ghanda tigi fdata unikamennt lill-istess attrici;*

3. *Illi l-eccipjent jirrikonoxxi d-dover tieghu li jmantni lil-ibnu, fil-fatt diga qieghed jghaddi lil-lattrici manteniment mensili;*

4. *Illi fir-rigward tal-manteniment ghall-attrici, l-eccipjenti jirrileva illi fl-ewwel lok, ghandu jigi dikjarat illi l-attrici bl-agir taghha ddekadiet mid-dritt taghha illi tircievi manteniment minghand l-istess eccipjenti, u dan ukoll in vista li l-attrici tahdem fuq bazi full time u ghalhekk hija*

---

[2] Fol. 26.

*perfettament kapaci illi tmantni lilha nnifisha, u dank if jista' jigi ampjament ippruva waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

5. *Illi ma jirriultax mill-premessi ragunijiet sabiex jigi applikat id-dispost ta' Art. 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi l-eccipjent jaqbel illi l-kommunjoni tal-akkwisti tigi xolta, u l-kontendenti jigu assenjati dk kollu li kisbu minghand xulxin b'titolu ta' donazzjoni;*

7. *Illi l-eccipjent jaqbel li kull parti ghandha tigi assenjata l-beni parafernali taghha;*

8. *Illi l-attrici ghandha tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' Vella;*

9. *Illi l-eccipjenti ma ghandux ibati l-ispejjes ta' dana l-gudizzju stante illi t-tort tas-separazzjoni hija mputabbli lill-attrici kif ser jigi pprovat fit-trattazzjoni tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[3]

Rat l-affidavit tal-konvenut;[4]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Nadia Vella, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Periti Legali Dr Gabriella Buttigieg u Dr Claudio Zammit, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat ir-rapport maħluf tal-Perit Legali Dr Claudio Zammit;[5]

[3] Fol. 21.
[4] Fol. 540 – 542.
[5] Fol. 569 – 594.

Rat id-domandi in eskussjoni tal-konvenut,[6] u kif ukoll ir-risposti tal-Perit Legali Dr Claudio Zammit;[7]

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Qorti tirrileva illi l-Perit Legali ħa konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta’ din il-kawza. Il-Qorti kkunsidrat u eżaminat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qeda bis-sewwa l-obbligu tiegħu u pprovda lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-kaz odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha.

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li Giovanni B ħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38, 40, u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Magħdud ma’ dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x’inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

---

[6] Fol. 604 – 608.
[7] Fol. 611 – 621.

3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tgħaddi esklussivament f'idejn l-attriċi, filwaqt li l-konvenut jiġi ordnat iħallas manteniment adegwat għall-istess minuri;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u konsegwntament tillikwida u tassenja ukoll l-assi parafernali lill-attriċi;

5. Takkorda manteniment lill-attriċi;

6. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut filwaqt li jiddikjara l-qbil tiegħu mat-talba għas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tirrisjedi unikament fuq l-attriċi. Magħdud ma' dan, il-konvenut lanqas ma jaqbel mal-attriċi rigward kif għandhom jiġu regolati l-effetti konsegwenzjali tal-firda personali in kwistjoni.

**2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut:*

Fl-affidavit tagħha l-attriċi tirrileva illi ltaqgħat mal-konvenut f'Diċembru tal-2000, fejn wara zmien flimkien f'relazzjoni ddeċidew li jizzewġu. Nelfrattemp u qabel iz-zwieġ, l-attriċi xtrat appartament ġewwa l-Qawra, liema appartament kien ser iservi bħala d-dar matrimonali. Madanakollu l-attriċi tiddikjara illi *"ovvjament, peress li ma kellix flus bizzejjed biex inħallas dan l-appartament, kelli nissellef mill-bank. Il-pagamenti bqajt dejjem inhallashom jien u ghadni naghmel hekk sal-gurnata tal-lum. Giovann biex jghini, hareg is-somma ta' Lm13,000 (€30,281.85) u nirrikonoxxi li għandi ntih dan l-ammont lura".*[8] Konsegwentament il-partijiet izzewġu f'April tal-2005, minn liema zwieġ twieled tifel wieħed.

[8] Fol. 21.

Wara xahar li twieled iben il-partijiet, l-attriċi tallega li sabet numru ta' messaġġi fuq iċ-ċellulari ta' zewġha minn għand mara, u tirrileva illi *"ndunajt li kellu wicc haddiehor ghaliex dawn il-messaggi kienu juru li ltaqgħu Paceville u kien hemm kontenut fejn baghtu bews u kliem bhal 'qalbi' li komplew ikkonfermaw is-suspetti tieghi"*.[9] Minkejja li l-attriċi kkonfrontat lill-konvent b'dawn il-messaġġi, jingħad li dan baqa' jinnega. Nonostante tali kwistjoni, l-attriċi tgħid illi għazlet li taħfirlu.

Wara t-twelid tat-tifel, l-attriċi tispjega kif il-konvenut beda jipproponi metodi diversi dwar kif għandu jsir l-att ta' mħabba ta' bejniethom, filwaqt li jinkoraġġixxi l-uzu ta' oġġetti sesswali vasti li kellhom jintuzaw waqt l-imsemmi att ta' imħabba, fejn minħabba tali metodi u oġġetti, l-attriċi tallega li darba minnhom spiċċat l-isptar. Jingħad ukoll illi l-konvenut kien iġiegħel lill-attriċi tara l-pornografija miegħu bl-intiza li jirreplikaw l-istess xeni pornografiċi fir-rapporti intimi tagħhom. L-attriċi tikkontendi illi zewġha kien ġie influwenzat minn kollega tiegħu, tant li ossessjona ruħu, izda tikkonferma illi din l-imġieba ma kienetx prezenti qabel iz-zwieġ u bdiet ħierġa fil-beraħ wara t-twelid tat-tifel. L-attriċi tikonferma illi minkejja li dan l-aġir ma kienx jogħġobha, għazlet li għal diversi snin tikkuntena u tagħmel dak li jgħidilha zewġha sabiex tevita l-argumenti. Madanakollu jiġi allegat illi l-attriċi waslet f'punt f'ħajjitha li ma setgħatx tibqa' għaddejja b'din il-ħajja, u b'hekk ikkonfrontat lill-konvenut fejn stqarret miegħu li ma ridietx tkompli tipparteċipa f'dawn l-attivitajiet sesswali li kienu saru ta' ossessjoni għalih. L-attriċi tirrileva li l-ġlied tagħhom rigward din il-kwistjoni kien ikun wieħed kbir tant li l-konvenut ta' sikwit kien jitlaq mid-dar u jirritorna lura wara xhur sħaħ sabiex jara lit-tifel, u l-attriċi kienet tispiċċa taħfirlu sabiex issalva z-zwieġ tagħhom u jerġgħu jkomplu fejn ħallew. Madanakollu jiġi rilevat fl-affidavit tal-attriċi illi darba fost l-oħrajn, il-konvenut telaq mid-dar izda ma rritornax lura fid-dar matrimonjali, izda kien jiġi jzur lil minuri.

Minkejja l-isforzi sabiex jisseparaw bonarjament, l-attriċi tirrileva illi dan ma setgħax iseħħ in vista li l-konvenut jippretendi nofs l-appartament, liema fond fil-fehma tal-attriċi huwa proprjeta' parafernali tagħha. Għaldaqstant l-attriċi kellha tipprosegwi bl-azzjoni odjerna.

*Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi:*

[9] *Ibid.*

Fl-affidavit tiegħu l-konvenut jirrileva li huwa zzewweġ lill-attriċi u dan wara li kienu ilhom flimkien madwar ħames (5) snin. Dak iz-zmien il-partijiet kienu jaħdmu fuq bazi *full-time*, fejn l-attriċi kienet taħdem ma' MC Neill Limited filwaqt li l-konvenut kien jaħdem ma' Devon Consolidates Biscuits, fejn il-paga tal-konvenut kienet tidħol f'kont bankarju f'isem l-attriċi mal-Bank of Valletta plc li għandu n-numru 40010627792, u l-paga tal-attriċi kienet tidħol f'kont bankarju f'isimha mal-HSBC Bank Malta plc li għandu n-numru 033167073. Il-konvenut jikkontendi illi qabel ma zzewġu l-partijiet għazlu d-dar matrimonjali tagħhom u ċjoe' l-fond fi Triq l-Iskuna, Qawra, bil-ħsieb li tali fond jkun jappartjeni lit-tnejn. Madanakollu l-konvenut jikkonferma illi *"meta sar l-kuntratt tax-xiri, fit-18 ta' Jannar 2002 jiena kelli 6 mandati ta' sekwestru/qbid bin-numri 310/1999, 240/2009 (xhieda u dokument ta' Theresa Sammut in rapprezentanza tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali a folio 89 u 119) peress li jiena kont hbat bil-vettura tieghi u sabiex tkopri l-ispejjes il-parti l-ohra hargietli dawn il-mandati – (eventwalment l-insurance kienet halset l-ispejjes kollha) u ghalhekk jien kont fejt avvizat mill-avukat tieghi sabiex ma nidhirx fuq il-kuntratt tax-xiri tad-dar u b'hekk id-dar ma tidhirx fuq ismi ghax din setghet tinqabad bis-sekwestru ta' Qbid li kelli u dank if ikkonfermatu Kirsten fl-istess l-ewwel seduta tal-25 ta' Marzu 2015 (a folio 31) quddiem il-Perit Legali Dr Gabrielle Buttigieg".*[10] Fir-rigward ta' dan l-akkwist, il-konvenut ikompli jgħid illi *"jiena kont hallast lin-nutar Lm500 u ukoll kif tikkonferma Kirsten fl-affidavit paragrafu wiehed a folio 20 datat 28 ta' Novembru 2012 kont hallast nofs il-post LM13,000. Kirsten dak iz-zmien ma kelliex flus u l-bank kien selifna ghaliex konna hallasna nofs il-prezz tad-dar. Jiena kont hallast il-flus ghax kont writ fosthom garaxx li kont bieghet. Kirsten dejjem irikonoxxiet dan l-ammont u tghid li ghandi niehdu lura"*. Magħdud ma' dan il-konvenut jgħid ukoll li qabel iz-zwieġ, apparti li ħareġ sehemu għax-xiri tad-dar matrimonjali, jiddikjara li kkontribwixxa ukoll għax-xiri tal-mobbli, inkluz il-kċina u s-sufan minngħand il-Construct Furniture, filwaqt li l-kamra tas-sodda matrimonjali kien xtraha minn flusu versu l-prezz ta' LM2,500.[11] In kontro-ezami l-konvenut iddikjara ukoll illi l-*appliances* kienet xtrathom l-attriċi, filwaqt li l-kċina xtraha hu minn butu qabel iz-zwieġ izda ma jiftakarx iċ-ċifra kemm xtraha.[12]

Konsegwentament u fiz-zwieġ, il-konvenut jikkonferma illi minn dan iz-zwieġ twieled tifel wieħed u ċjoe' G B. Sena qabel ma twieled il-minuri, jiġi rilevat li l-

[10] Fol. 540.
[11] Il-kċina allegatament kienet inxtrat versu l-prezz ta' LM9,000, filwaqt li s-sufan għal prezz ta' Lm500.
[12] Fol. 599.

attriċi waqfet taħdem, tant li l-aħħar paga tagħha daħlet fit-30 ta' Settembru 2005 fil-kont bankarju mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 033167073050.[13] Il-ħlas tal-*loan* tad-dar baqa' jsir permezz ta' *transfers* bankarji, u eventwalment jgħid ukoll illi minn Jannar 2006. Il-paga tiegħu bdiet tidħol fil-kont tal-bank surreferit, fil-fatt jirrileva ukoll li l-paga tiegħu baqgħat dejjem tidħol fil-kont bankarju in kwistjoni li jappartjeni lil-attriċi anke meta biddel ix-xogħol u beda jaħdem mal-kumpanija Arrow Pharm (Malta).[14] Matul iz-zwieġ, il-partijiet xtraw ukoll iktar mobbli, fosthom *spare bedroom*, unit tal-ġebel u *main bedroom*, li jammontaw għal madwar €6,000. Il-konvenut jikkontendi ukoll illi fiz-zwieġ, l-attriċi kienet biegħet il-karozza li kellha tat-tip Fiat 600 lil Odette Ciantar versu l-prezz ta' €4,900 – liema flus allegatament baqgħu mizmuma mill-attriċi. Sabiex jipprova tali bejgħ, il-konvenut jezebixxi kopja ta' skrittura privata ffirmata bejn l-attriċi u l-imsemmija Odette Ciantar nhar it-28 ta' Mejju 2010.[15] In kontro-ezami l-konvenut iddikjara ukoll illi fiz-zwieġ kien iħallas waħdu l-pagamenti mal-Bank rigward s-self mogħti lill-attriċi fuq id-dar matrimonjali, liema ħlas baqa' jsir sal-2012.[16]

Magħdud mal-premess, il-konvenut jikkonferma illi z-zwieġ tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli tant li f'Settembru tas-sena 2010 huwa kien kostrett li jitlaq mid-dar matrimonjali sabiex jevita ħafna ġlied u argumenti. Jikkonferma ukoll illi *"tul dan iz-zmien kollu Kirsten kienet toqghod god-dar, kompliet thallas il-loan wahedha, wara 2013 u jien kelli nikri u immur nghix ghar-rasi. Bidlet ma nafx kemm il-avukat, u baqgħet ghaddejja bil-provi taghha ghal-hames snin shah sal-25 ta' Ottubru 2017 – xi daqqet taparsi ser naqblu ghal xi ftehiem umbaghad tmur lura. Waqt li jiena qieghed inhallas il-kera ghax ma ghandiex biex nhallas id-depozitu sabiex niehu loan, Kirsten qed tghix go proprjeta li jien ghandi nofsha".*[17]

<u>*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*</u>

Il-Qorti tara illi fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi ma tat l-ebda indikazzjoni diretta abbazi liema raġuni qiegħda titlob il-firda personali minn ma' zewġha. Madanakollu jirrizulta illi fin-nota ġuramentata tagħha hija tisħaq illi *"jiġi*

[13] Fol. 131.
[14] Fol. 142.
[15] Fol. 542.
[16] Fol. 598.
[17] Fol. 541.

*ddikjarat li l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu tal-manteniment stante l-abbandun tad-dar matrimonjali u adulterju"*.[18] Konsegwentament, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tgħid illi z-zwieġ tal-partijiet tkisser ukoll minħabba eċċessi, moħqrija, sevizzi u inġurji gravi. Wara li l-Qorti rat l-atti, il-Qorti tinsab konvinta li l-kawza ġiet primarjament ibbazata fuq il-kwistjonjiet ta' adulterju u abbandun, u fil-fatt il-Perit Legali fir-rapport tiegħu ħa konjizzjoni ta' dawn iz-zewġ kwistjonjiet biss. Għaldaqstant il-Qorti sejra tqis il-bazi għas-separazzjoni personali odjerna fid-dawl tal-Artikolu 38 u 41 tal-Kodiċi Ċivili, izda għal kull buon fini qiegħda tikkonsidra li l-azzjoni ġiet ukoll intavolata abbazi ukoll tal-Artikolu 40 tal-istess Kodiċi. B'hekk ser tgħaddi sabiex f'dan l-istadju tistabbilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a.* *<u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi</u>*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[19] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[20] u

[18] Fol. 19.
[19] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[20] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

**Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[21] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[22] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[23] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[24]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[25]

*b. <u>Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju</u>*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[26]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi:

---

[21]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[22]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[23]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[24]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[25]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[26] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

"*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*".[27]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[28] fejn ġie dikjarat li:

"*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*c.* *<u>Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun</u>*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża fl-ismijiet **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[29] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

*"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun*

[27] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[28] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).
[29] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

*mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[30] fejn il-Qorti sostniet illi:

*"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ, il-Qorti ser tibda billi tirreplika l-konsiderazjonijiet u l-konkluzjoni tal-Perit Legali:

*"Illi l-attrici tippremetti illi z-zwieg tkisser minhabba l-adulterju da parti ta' zewgha u kif ukoll minhabba li abbanduna d-dar konjugali. Dwar l-abbandun, l-attrici tixhed, u l-konvenut jaqbel, illi telaq mid-dar konjugali fl-2010 u qatt ma rritorna. Dwar l-adulterju, il-prova principali hija dak li qalet li rat l-attrici fil-messaggi li rcieva u baghat il-konvenut, fejn persuna baghtet messaggi bil-bews lill-konvenut, u dan staqsieha wkoll jekk hux sejra Paceville.*

*Illi hawnhekk tipprezenta ruhha kwistjoni ta' kredibilita', il-ghaliex l-attrici la pprezentat kopja ta' dawn il-messaggi u wisq inqas produciet li din it-terza*

[30] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

*persuna bhala xhud. Lanqas in kontro-ezami, il-konvenut ma giex mistoqsi dwar din l-allegazzjoni da parti ta' l-attrici. Min-naha l-ohra, l-konvenut, anke fix-xiehda tieghu, baqa' totalment sieket dwar dak li allegat l-attrici, u la cahad u lanqas ikkonferma. L-unika darba li gie registrat li ghamel xi tip ta' reazzjoni kien meta l-attrici, fi kliemha, kkonfrontatu l-ewwel darba dwar dan, u skond hi, beda jinnega filwaqt li bjad karti.*

*Illi dwar dan il-punt ta' l-adulterju, l-esponent itendi li jara aktar verosimili l-verzjoni ta' l-attrici, anke ghaliex in generali hija persuna li xehdet b'mod konsistenti, filwaqt li l-konvenut, anke in kontro-ezami, kien hemm xi istanzi fejn meta mistoqsi nghidu ahna kemm hareg sabiex thallset il-kcina, qal li ma jafx ezatt, meta din kienet wahda mill-affarijiet importanti li kien indika fl-affidavit tieghu li kien prezenta ftit tal-gimghat qabel.*

*Illi maghdud ma' dan, l-esponent jara iktar kredibbli l-verzjoni ta' l-attrici anke ghaliex meta wiehed jikkonsidra l-agir tal-konvenut, hekk kif habta w sabta fl-2010 telaq mid-dar konjugali u ma rritornax lura, dan huwa ftit jew wisq stramb. Ir-raguni li gab il-konvenut ghalfejn telaq mid-dar, u cioe' sabiex ma joqoghdux jiggieldu l-partijiet, hija fil-fehma ta' l-esponent raguni kemmxejn fjakka. F'kull separazzjoni jkun hemm minn dawn il-battibekki, izda minn dak li ra mill-provi, l-esponent ma jidhirlux li l-konvenut kien f'sitwazzjoni daqshekk gravi u ta' perikolu, li kellu bilfors jitlaq mid-dar propju biex ma jigrilu xejn.*

*Illi ghalhekk l-esponent jista' jikkonferma illi l-htija ta' dan it-tifrik taz-zwieg hija tal-konvenut wahdu; u dan qed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-konvenut, anke fix-xiehda tieghu, ma jaghti l-ebda raguni ghalfejn l-attrici wkoll ghandha tahti ghar-responsabilita' tat-tifrik taz-zwieg".*

Minn qari tas-suespost huwa ċar illi l-Perit Legali wasal għal konkluzjoni illi z-zwieġ ta' bejn il-partijiet tfarrak minħabba z-zewġ raġunijiet mresqa mill-attriċi, ċjoe' adulterju u abbandun. Madanakollu l-Qorti ma tistgħax taqbel mal-konkluzjoni intiera tal-Perit Legali u dan minħabba l-massima legali *'min jallega jrid jipprova'*. Bħala prinċipju ewlieni l-Qorti tgħallem illi:

*"Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li*

*jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) (...) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra (...) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet".*[31]

Jiġi osservat illi fir-rigward ta' adulterju, l-attriċi allegat illi kellha s-suspetti li zewġha kien infidil lejha, tant illi tali suspetti ġew ikkonfermati permezz ta' numru ta' messaġġi mingħand mara skonoxxuta fuq iċ-ċellulari ta' zewġha, li fin-nota ta' sottomissjonijiet ingħatat l-isem ta' 'Rosanne', kollega tal-konvenut ġewwa l-fabbrika Sunshine Snacks. Dawn il-messaġġi allegatament jistabbilixxu illi zewġha iltaqa' ma' din il-mara ġewwa Paceville, u li kien hemm relazzjoni bejniethom it-tnejn hekk kif il-messaġġi kienu jikkonsistu, *inter alia*, f'bews virtwali u kliem komplimentuz bħal *'qalbi'*. Madanakollu u kif osserva ben tajjeb il-Perit Legali, dawn l-allegazzjonijiet da parti l-attriċi fl-ebda waqt ma ġew ikkorrabborati. Fid-dawl ta' dan, il-Perit Legali kien tal-fehma illi għaldaqstant fis-sitwazzjoni odjerna *'tipprezenta ruhha kwistjoni ta' kredibilita''* - liema konkluzjoni l-Qorti ma taqbilx magħha u dan mingħajr ma jitnaqqas ebda valur mill-kredibilita' tal-attriċi.

Il-Qorti tissottolineja illi kwistjoni ta' adulterju m'għandhiex tiġi deċiza b'mod leġġer mingħajr ebda xrara ta' prova li tippuntwalizza l-gravita' tas-sitwazzjoni. Huwa risaput illi f'azzjoni ta' firda personali fejn tiġi deċiza r-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ, il-persuna li tallega l-infedelta' għandha l-obbligu illi tistabbilixxi b'mod ċar, preċiz u inekwivoku l-allegat adulterju, liema aġir huwa gravi u estremament kolpuz li jinflitta numru ta' sanzjonijiet ai termini tal-liġi. Għaldaqstant u fi kwalunkwe kaz prova ta' adulterju għandha tkun tali li ma tħalli l-ebda dubju f'min qiegħed jiġġudika dwar l-aġir kolpuz u l-gravita' tas-sitwazzjoni, u f'ebda waqt ma għandha tiġi bbazata solament fuq il-kredibilita' ta' persuna *o meno*.

Fil-kaz odjern, l-attriċi kellha kull fakolta' li tressaq is-segwenti provi jew uħud minnhom: (i) kopja tal-messaġġi li rat fuq iċ-ċellulari ta' zewġha, (ii) in-numru taċ-ċellulari tal-persuna li magħha kien qiegħed jikkomunika zewġha, u (iii) ix-xhieda ta' zewġha. Min-naħa l-oħra, il-Qorti kienet tistenna li *se mai* l-konvenut

[31] **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi**, deċiża nhar it-12 ta' April 2007 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

jinnega jew jiċħad tali allegazzjoni fil-konfront tiegħu. Madanakollu tali skiet da parti l-konvenut ma għandux jiġi interpretat la mod u lanqas ieħor, għaliex jibqa' stat ta' fatt li l-allegazzjoni vvantata mill-attriċi kelha tiġi *in primis* ippruvata minnha u dan skont l-obbligu impost fuqha. B'hekk u ġialadarba l-attriċi għazlet li ma tippruvax dak allegat minnha, il-Qorti ma temminx li għandha tagħti piz probatorju lis-skiet tal-konvenut. Għaldaqstant u fin-nuqqas ta' provi da parti l-attriċi rigward l-allegat adulterju kommess mill-konvenut, il-Qorti ma tistgħax tasal għall-konkluzjoni li l-konvenut għandu jinstab ħati għar-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieġ minħabba adulterju da parti tiegħu.

Fir-rigward ta' abbandun mid-dar matrimonjali, il-Qorti hija tal-fehma illi mingħajr ma' teskludi l-possibbilita' li z-zwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser minħabba raġunijiet ulterjuri, mill-atti jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenut sija mid-dar konjugali u wkoll mill-attriċi. L-abbandun tal-konvenut huwa wieħed li jinkwadra sewwa fil-kriterji li ġew elaborati iktar 'il fuq u ċjoe':

(i) L-abbandun ilu iktar minn sentejn, fejn il-konvenut stess ikkonferma illi telaq mid-dar matrimonjali fl-2010, u ċjoe' ħdax-il (11) sena ilu, fejn qatt ma rritorna lura u l-unika kuntatt li zamm kien minħabba l-minuri. Madanakollu ma jidhirx li l-konvenut għandu l-intenzjoni li jirritorna lura; u

(ii) L-abbandun in kwistjoni ma jirrizultax ġustifikat. Għal dan il-għan, il-Qorti rat l-affidavit tal-attriċi fejn ġie rilevat illi l-konvenut kien ta' sikwit jitlaq mid-dar matrimonjali minħabba argumenti ta' bejniethom u jirritorna lura d-dar wara xhur sħaħ, sakemm darba fost l-oħrajn il-konvenut telaq u ma rritornax lura. Min-naħa l-oħra l-Qorti rat li l-konvenut jikkonferma li telaq mid-dar matrimonjali u bl-ebda mod ma kkontradixxa l-verzjoni tal-attriċi u ċjoe' l-attitudni tiegħu li jitlaq u jirritorna lura d-dar matrimojali skont kif jiftillu u li l-aħħar darba li telaq ma reġgħax irritorna lura mingħajr spjegazzjoni. F'dan il-kuntest il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi tali raġuni hija waħda fjakka għaliex *'ma jidhirlux li l-konvenut kien f'sitwazzjoni daqshekk gravi ta' perikolu, li kellu bilfors jitlaq mid-dar propju biex ma jigrilu xejn'*. B'hekk il-Qorti temmen illi ma kien hemm l-ebda raġuni valida li kellha twassal lill-konvenut jitlaq mid-dar taż-żwieġ.

Fir-rigward ta' eċċessi, moħqrija, minaċċji, sevizzi u nġurji gravi, il-Qorti osservat l-verzjoni tal-attriċi senjatament dwar ir-relazzjoni intima li kellhom il-partijiet, fejn ġie allegat illi: (i) kienu jintuzaw diversi oġġetti sesswali, (ii) l-attriċi kienet tiġi mġiegħla tara l-pornografija, (iii) l-attriċi daħlet l-isptar u l-konvenut widdibha sabiex zzomm ħalqha magħluq, (iv) li l-konvenut kien ġibed video tal-att intimu bil-moħbi, u (v) il-konvenut kien jara l-pornografija fil-prezenza tal-minuri u fl-istess waqt jmiss lill-attriċi. Din il-verzjoni tiġi elaborata ferm fin-nota ta' sottomissjonijiet, fejn ġie allegat ukoll illi l-atti sesswali bejn il-partijiet kienu jsiru vjolenti, tant li saru *"esperjenzi ta' terror u l-konvenut kien juza lil-esponenti bħala skjava sesswali tiegħu bħal ma jara fil-filma pornografiċi bid-differenza li dawk kienu jkunu films b'atturi professjonali u l-esponenti kellha tgħaddi minn kalvarju kontinwu grazzi għall-ġenn tal-konvenut. Illi l-konvenut kien litteralment marrad lill-esponenti b'dan l-aġir ripetittiv xejn normali"*.

Nonostante tali allegazzjonijiet, il-Qorti tara li l-attriċi ma resqet l-ebda prova sabiex tikkonstata dak allegat minnha. Fil-fehma tal-Qorti, l-attriċi kellha l-possibilita' li tressaq ix-xhieda tal-konvenut stess, u kif ukoll rapprezentant tal-isptar sabiex jiġi kkonfermat jekk l-attriċi daħlitx verament l-isptar u meta u għaliex. Min-naħa l-oħra, il-Qorti kienet tistenna li *se mai* l-konvenut jinnega jew jiċħad tali allegazzjoni fil-konfront tiegħu. Madanakollu hekk kif ġie ribadit iktar 'il fuq, tali skiet da parti l-konvenut ma għandux jiġi interpretat la mod u lanqas ieħor, għaliex jibqa' stat ta' fatt li l-allegazzjoni vvantata mill-attriċi kelha tiġi *in primis* ippruvata minnha u dan skont l-obbligu impost fuqha. Għaldaqstant u fin-nuqqas ta' provi da parti l-attriċi, il-Qorti ma tistgħax tasal għall-konkluzjoni li l-konvenut għandu jinstab ħati għar-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieġ minħabba eċċessi, moħqrija, minaċċji, sevizzi u nġurji gravi.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili. Madanakollu u fir-rigward tal-kawzal l-ieħor allegat, senjatament dak ta' adulterju, dan ma ġiex minimament ippruvat. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li z-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u qed issib lill-konvenut ħati t'abbandun fil-konfront ta' martu.

3. **Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut u l-Attriċi:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tiegħu, il-konvenut ma jarax lok li dawn għandhom jiġu applikati fil-konfront tiegħu.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut instab ħati għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba abbandun fil-konfront ta' martu. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

### 4. Manteniment lill-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha, fejn fin-nota ġuramentata tagħha telabora u tgħid illi għandha *'is-somma ta' mhux anqas minn €70 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha stante li hija ma tahdimx u tghix bl-ghajnuna socjali, liema ghajnuna tammonta ghal €426.80 fix-xahar u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza'*.[32] In sostenn għat-talba tagħha, l-attriċi tkompli tirrileva illi: *'naghmel sforzi kbar biex inkun nista' nibda nahdem u jkolli ftit introjtu ahjar biex naghti hajja dejjem ahjar lil ibni u sabex forsi nibda nhallas parti mill-ammont ta' Lm13,000 li ghandi naghti lil Giovann imma mhux facli ghaliex it-tifel ghadu zghir, m'ghadix ma' min inhallih, ghandu l-attivitajiet tieghu li rrid niehdu ghalihom jien u fuq kollox m'ghandix certifikati ta' skola biex insib impjieg. Dan kollu jaghmilha ferm difficli ghalija biex insib xoghol ghaliex wara kollox, ghandi l-intenzjoni li bhal ma ghamilt dejjem, naghti l-priorita' lil ibni'*.[33] Il-Qorti tara ukoll li fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi tisħaq illi *"Fil-kaz*

[32] Fol. 19.
[33] Fol. 25.

*odjern, l-esponenti hija tal-umli fehema li din 1-Onor. Qorti ghandha ggieghel lill-konvenut, li jhallas manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg, u dan sabiex jaghmel tajjeb ghas-snin twal ta' sofferenzi u biex tkun tista tghix hajja diċenti u tlahhaq mal-piziijiet tal-hajja bhala genitur wiehed — anki peress li spiċċat f' din is-sitwazzjoni frott l-egoizimu tal-konvenut li ried jerga jibda jghix hajja ta' guvni".*

Għal tali talba, il-konvenut permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu jilqa' għal tali talba billi ppremetta illi *"fir-rigward tal-manteniment ghall-attrici, l-eccipjenti jirrileva illi fl-ewwel lok, ghandu jigi dikjarat illi l-attrici bl-agir taghha ddekadiet mid-dritt taghha illi tircievi manteniment minghand l-istess eccipjenti, u dan ukoll in vista li l-attrici tahdem fuq bazi full time u ghalhekk hija perfettament kapaci illi tmantni lilha nnifisha, u dan kif jista' jigi ampjament ippruva waqt it-trattazzjoni tal-kawza".* Għaldaqstant jidher ċar illi l-konvenut qiegħed jopponi għal tali talba.

Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taz-zwieġ, il-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u dan kif spjegat fit-tielet taqsima ta' din is-sentenza. Min-naħa l-oħra, u fid-dawl tal-fatt li l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-attur, din tal-aħħar għandha l-jedd li titlob il-manteniment minn għand zewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miz-zwieġ. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom".*[34] Għaldaqstant fil-kaz odjern kien jinkombi fuq l-attriċi l-oneru li tressaq il-provi rigward il-ħtiġijiet u d-dħul rispettiv tal-partijiet ġialadarba resqet talba għall-manteniment.

F'dan ir-rigward jingħad illi l-attriċi kien jeħtieġilha illi tistabbilixxi: (i) l-introjtu tal-partijiet, (ii) prova li l-introjtu tagħha ma huwiex suffiċjenti tenut kont tal-elenku tal-ħtiġijiet tagħha, u (iii) raġuni suffiċċjenti għaliex qiegħda tippretendi li titħallas manteniment fix-xahar minngħand il-konvenut. Il-Qorti tara li f'dan il-kuntest, il-provi li jistgħu jittiehdu in konsiderazzjoni għat-talba tal-manteniment għall-attriċi, huma s-sottomissjonijiet tal-partijiet, ix-xhieda tar-rapprezentant

[34] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.

tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali u x-xhieda tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (illum Jobsplus).

Mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jirrizulta illi,[35] l-attriċi bdiet tipperċepixxi mill-assistenza soċjali, *allowance* tat-tfal u benefiċċju tal-maternita' sa mis-sena 2010, liema benefiċċji jew uħud minnhom baqgħu jiġu pperċepiti minnha sal-2014.[36] Magħdud ma' dan u fix-xhieda tar-rapprezentant tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (illum Jobsplus),[37] ġietipprezentata l-*employment history* tal-attriċi, fejn jirrizulta li fl-2014 kienet qiegħda taħdem fuq bazi *part-time* mal-kumpanija Electro Waste.[38] Minkejja tali impjieg, ir-rapprezentant tad-Dipartment tas-Sigurta' Soċjali fix-xhieda ulterjuri tiegħu kkonferma illi *"Id-Dipartiment pero' huwa konsapevoli tal-fatt illi s-Sinjura kienet tahdem part time u nghid illi skont il-kotba taghna prezentement qeghda f'impjeg, ma taqlax iktar minn fifty seven euro five cents (€57.05) fil-gimgha u allura xorta wahda hija ntitolata ghall-beneficcju kollu"*.[39]

Magħdud mal-premess, il-Qorti tikkonsidra ukoll l-osservazzjonijiet u l-konkluzjoni tal-Perit Legali, u ċjoe': *"fir-rigward tal-manteniment mitlub mill-attrici ghaliha nfisha, l-esponent mhuwiex tal-fehma li ghandu jithallas manteniment mill-konvenut ghall-attrici. L-attrici regghet bdiet tahdem mill-2013, hija kapaci tahdem, minkejja li qalghet li m'ghandhiex certifikati ta' skola, u ghandha tfittex xoghol/ijiet biex tghin lilha nfisha fic-cirkostanzi. Ghalkemm fl-affidavit taghha qalet li riedet tiehu hsieb it-tifel hi biss, ghaliex kien zghir, ghandu jinghad illi issa t-tifel qed jitfarfar, huwa ta' l-eta' ta' skola sekondarja, u dak l-argument kif migjub dak iz-zmien m'ghadux iregi; fis-sens li l-attrici tista', jekk trid, tahdem anke fic-cirkostanzi kif inhuma"*.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tara illi l-konkluzjoni tal-Perit Legali hija waħda ġusta. Il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fil-prezent, l-attriċi ma jeħtiġilhiex tiġi mantenuta mill-konvenut, u dan fid-dawl tal-fatt illi: (i) l-attriċi kienet taħdem qabel ma kellha lill-minuri u kompliet taħdem sa mill-2013 u b'hekk hija kapaċi tkun finanzjarjament indipendenti, (ii) minkejja li hija kapaċi taħdem, jirrizulta illi l-konvenuta tikkwalifika għall-assistenza mid-Dipartiment tas-Sigurta'

[35] Fol. 91.
[36] Fol. 510 – 515.
[37] Fol. 85.
[38] Fol. 116 – 118.
[39] Fol. 519.

Soċjali, u b'hekk għandha diġa'jew kellha a disposizzjoni tagħha għajnuna mill-Istat sabiex issib mill-ġdid saqajha wara zmien twil ma taħdimx, (iii) mill-atti ma rrizultax li l-attriċi għandha xi impediment milli taħdem, (iv) matul il-kawza odjerna, l-attriċi qatt ma resqet talba sabiex *pendente lite* tingħata manteniment, u (v) illum it-tifel għandu erbatax-il (14) sena.

Għaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus,* ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti bħalma għamlet għal dan l-aħħar zmien. Madanakollu u fi kwalunkwe l-kaz, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'kaz ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-zewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. Kura, Kustodja, Aċċess u Mantaniment għall-Minuri:

Miz-zwieġ tal-partijiet twieled tifel wieħed, u ċjoe' G B imwieled nhar it-3 ta' Novembru 2006.[40] Dan ifisser illi fil-prezent, il-minuri għandu erbatax-il (14) sena u b'hekk huwa minorenni. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-minuri ma jirrizultax li qatt ġiet regolata b'mod formali, għajr għall-manteniment fejn l-attriċi tiddikjara illi *"nghid li issa li ftehmna wara l-ahhar seduta li kellna l-Qorti, obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' €230 fix-xahar li tinkludi l-ispejjez tal-edukazzjoniu s-sahha tat-tifel taghna".*[41]

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[42] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-*

[40] Ara l-Att tat-Twelid, a fol. 6.
[41] Fol. 22.
[42] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

*ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[43] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**'[44] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[45] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**'[46] u **Marlon B vs Charlene Banks**[47] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

[43]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[44]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[45]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[46]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[47]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiż 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-*

*salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet. Fil-prezent G B għadu minorenni u b'hekk għadu taħt is-setgħa tal-ġenituri tiegħu. Fid-dawl tal-fatt li l-minuri ilu minn dejjem taħt il-kura u kustodja konġunta tal-ġenituri tiegħu, fejn jgħix ma' ommu filwaqt li għandu aċċess ma' missieru. Il-Qorti tinsab konvinta li G daħal f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lil partijiet b'mod partikolari lil minuri nnifsu.

Il-Qorti tagħti ħarsa lejn dak li saħqu l-partijiet f'dan ir-rigward. Fin-nota ġuramentata tagħha, l-attriċi ddikjarat illi tippretendi li l-kura u kustodja ta' binha għandha tiġi fdata esklussivament f'idejha '*u dan stante li ghal dawn l-ahhar sena u nofs minn mindu l-partijiet ilhom separati de facto kienet ir-rikorrenti li b'mod esklussiv hadet hsieb lill-minuri u fuq kollox ghaliex dan huwa fl-ahjar interessi tal-minuri kif ser jigi pruvat fil-mori ta' dan ir-rikors'*.[48] Nonostante l-allegazzjoni tal-attriċi illi jkun fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tiegħu jitħallew esklussivament f'idejn l-attriċi, ma jirrizultax li l-attriċi resqet xi prova sabiex tistabbilixxi illi l-konvenut huwa persuna li ma jaġġixxix bil-*bonus paterfamilias*. Anzi l-Qorti tikkonsidra li l-attriċi stess tikkonferma illi bejn il-konvenut u binhom kien hemm relazzjoni sabiħa. Madanakollu u skont l-attriċi, din ir-relazzjoni bejn il-missier u l-iben, allegatament m'għadhiex bħal qabel hekk kif '*dan l-ahhar it-tifel qed jigi d-dar jilmenta li issa m'ghadux jorqod fuq is-sodda ma' missieru imma qieghed jorqod fuq saqqu mal-art ghaliex issa fuq*

[48] Fol. 18.

*is-sodda ma' Giovann qed torqod it-tfajla tieghu l-gdida'.*[49] Mill-ġdid il-Qorti tosserva illi l-attriċi tonqos milli tikkorrabora din l-allegazzjoni vvantata minnha.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jisħaq biss illi *'it-tifel inħobbu u ghandi relazzjoni tajba hafna',*[50] u *'l-eccipjent dejjem kellu sehem attiv fil-hajja ta' ibnu minuri, fil-fatt tinsab relazzjoni ottima bejniethom u minn mindu sseparaw de facto zamm kuntatt konsistenti mieghu u jtih l-attenzjoni li jixraq ta' missier waqt il-hinijiet ta' l-access. B'hekk, l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun konjuntiva u ma hemm l-ebda raguni valida ghaliex ghanda tigi fdata unikament lill-istess attrici'.*[51]

Flimkien mal-premess, il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-konkluzjoni tal-Perit Legali, fejn kien tal-fehma illi:

*"fic-cirkostanzi l-kura u kustodja ghandha tigi affidata lill-attrici. Dan anke in vista tal-mod kif il-konvenut allontana ruhu mid-dar konjugali, b'mod tali li wera ruhu mhux kompletament affidabbli. Iktar minn hekk, issa l-minuri ilu snin shah fil-kura u kustodja ta' l-istess attrici u qatt ma kien hemm xi incident partikolari fir-rigward.*

*Illi tajjeb li jizdied ukoll illi l-attrici tkun tista' esklussivament u wahedha tapplika ghal, u tottjeni, passaport ghall-minuri, b'dana illi sabiex isiefer il-minuri, irid ikun hemm il-kunsens bil-miktub taz-zewg partijiet".*

Il-Qorti hija tal-fehma illi apparti dik l-unika kwistjoni allegata mill-attriċi, il-Qorti ma tarax li kien hemm xi intoppi serji bħal negliġenza u traskuraġni fit-trobbija tal-minuri, vjolenza u theddid fuq il-persuna tal-minuri meta jkun ma' wieħed mill-ġenituri, jew *parental alienation*. Ma hemm l-ebda prova li turi li z-zewġ ġenituri ma humiex qegħdin jaġixxu bil-*bonus paterfamilias* u fl-aħjar interessi tal-minuri. Minkejja li l-attriċi titlob li tiġi esklussivament fdata bil-kura u kustodja ta' binhom, jirrizulta illi sa mill-2010, u ċjoe' meta l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali, ma kien l-ebda problema *per se* dwar kif trabba t-tifel.

[49] Fol. 25.
[50] Fol. 541.
[51] Fol. 26.

Il-Qorti tifhem il-*punto di vista* tal-Perit Legali, madanakollu u għalkemm l-konvenut zbalja meta abbanduna lil martu u d-dar matrimonjali, mill-verzjoni tal-attriċi ma jidhirx illi l-istess jista' jingħad fil-konfront tal-minuri, hekk kif din tiddikjara illi: *"Il-glied taghna tant kien ikun kbir li mhux l-ewwel darba li Giovann kien johrog mid-dar u jirritorna daqqa wara xahrejn jew tlieta u mbaghad, peress li kien jibqa' jigi jara lit-tifel, konna nergghu nispiccaw flimkien u jien nahfirlu biex kemm jista' jkun insalva z-zwieg. Darba fost l-ohrajn, telaq mid-dar u qatt ma rega' gie lura. Lit-tifel bqajt dejjem niehu hsiebu jien kwazi nista' nghid wahdi ghaliex avolja Giovann kien jigi biex jara lit-tifel, rigward finanzi kien izomm idejh maghluqin hafna"* (sottolinejar tal-Qorti).[52] Għaldaqstant dan jistabbilixxi li l-konvenut qatt ma abbanduna lil ibnu, izda l-unika kwistjoni li kellha l-attriċi dak iz-zmien kienet proprju l-manteniment, liema kwistjoni ġiet rizolta permezz ta' ftehim bejn il-partijiet, kif iddikjarat mill-attriċi stess fl-affidavit tagħha.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma tarax għaliex għandha tafda l-kura u kustodja esklussivament f'idejn l-attriċi u dan meta kienet l-attriċi stess li kkonfermat illi binha u zewġha għandhom relazzjoni tajba, u magħdud ma' dan il-Qoti tara illi ma hemm l-ebda prova li tistabbilixxi l-kuntrarju. B'hekk il-Qorti ma għandhiex bazi biex temmen illi l-minuri ma għandux relazzjoni tajba ma' missieru u fiċ-ċirkostanzi ma jagħmilx sens li jsir xi tibdil, speċjalment issa li l-minuri m'għadux daqstant zgħir. Għaldaqstant, il-kura u kustodja tal-minuri għandha tibqa' fdata liz-zewġ partijiet b'mod konġunt, b'dana illi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-omm ġewwa Malta, f'dik ir-residenza hekk stabbilita minnha għaliha nnifisha u għal binha.

Magħdud mal-premess, u in vista li l-minuri għandu jibqa' jgħix mal-omm, il-Qorti tara li l-konvenut għandu jkollu aċċess adegwat ma' ibnu. Kif ingħad iktar 'il fuq, fil-mori ta' din il-kawza ma kienx hemm iktar rikorsi dwar l-aċċċess ta' G u b'hekk jidher illi l-konvenut qiegħed jara lil ibnu b'mod liberu. Fil-fatt il-konvenut jisħaq fl-affidavit tiegħu illi qatt ma kellhom problemi dwar l-aċċess,[53] liema verzjoni ma ġietx kontradetta mill-attriċi. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur għandu jibqa' jezerċita aċċess liberu ma' ibnu, fejn għandu d-dritt jikkomunika ma' ibnu b'mod eletroniku u kif ukoll telefonikament, filwaqt li jiltaqa' ma' ibnu b'mod liberu. F'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, il-Qorti

[52] Fol. 21.
[53] Fol. 541.

tordna illi l-konvenut ikollu aċċess versu l-minuri nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn is-6.00pm u t-8.00pm u b'mod alternat darba s-Sibt u darba l-Ħadd, fejn jekk jaħbat is-Sibt l-aċċess għandu jkun mill-10.00am sat-8.00pm, u jekk jaħbat il-Ħadd mill-10.00am sas-6.00pm. Naturalment f'kaz ta' attivitajiet extra kurrikulari waqt l-aċċess, il-missier għandu jieħu ħsieb li jieħu lill-minuri għall-imsemmija attivitajiet.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikompli jgħix ma' ommu, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Tali obbligu huwa rikonoxxut mill-konvenut stess fir-risposta ġuramentata tiegħu, fejn jgħid *"Illi l-eccipjent jirrikonoxxi d-dover tieghu li jmantni lil-ibnu, fil-fatt diga qieghed jghaddi lil-l-attrici manteniment mensili".*[54] Fil-fatt fil-prezent jidher illi l-konvenut qiegħed iħallas is-somma ta' €230 fix-xahar, liema somma tinkludi l-ispejjez għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri.[55] Il-Perit Legali kien tal-fehma illi *"tali ammont ta' manteniment huwa xieraq fic-cirkostanzi, u ghandu jinzamm, b'dan illi jithallsu mitejn u tletin Euro (€230) kull l-ewwel jum tax-xahar; b'dan ukoll illi joghla kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja kif misjub f'Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-esponent huwa konxju tal-fatt illi din is-somma giet stabbilita snin ilu, izda qieghed xorta jipproponi li jinzamm kif inhu anke in vista tal-likwidazzjoni kif misjuba f'Taqsima 2 hawn fuq, partikolarment in vista tal-fatt illi l-attrici qed jigi koncess lilha li thallas lill-konvenut fuq perjodu ta' sitt snin, u mhux immedjatament. Illi jkun opportun li jigi ddikjarat ukoll illi kwalsiasi beneficcji socjali relatati mal-minuri ghandhom jigu percepiti esklussivament mill-attrici".*

Wara li l-Qorti kkunsidrat il-fehma tal-attriċi,[56] u kif ukoll dik tal-konvenut fejn jikkonferma illi *"fuq manteniment u hlas iehor qatt ma kelna inkwiet – dejjem taghajtha li staqsietni"*,[57] il-Qorti hija tal-fehma illi s-somma ta' €230 hija baxxa

---

[54] Fol. 26.
[55] Fol. 25.
[56] Ara n-nota ġuramentata tal-attriċi, a fol. 18, *"Illi r-rikorrenti tinghata is-somma ta' mhux anqas minn mitejn Ewro (€200) fix-xahar bhala manteniment favur il-minuri oltre nofs l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri, liema somma tinkludi wkoll l-ispejjez ta' l-edukazzoni u s-sahha tal-minuri. Jidher li dwar dan m'hemmx kontestazzjoni stante li l-intimat iddikjara dan quddiem din il-Qorti hekk kif diversament preseduta fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Ottubru 2012 (ara Dok. A hawn anness)"*, u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi, *"illi l-ammont ta' mitejn u tletin Euro (€230) fix-xahar liema manteniment ikun ikopri wkoll l-ispejjez tas-saħħa u l-edukazzjoni huwa fqir wisq, speċjalment issa li l-minuri għandu 15 il-sena u jkollu bzonn għajnuna biex jixtri l-ħwejjeġ, jieħu ħsib ruħu, joħroġ ma sħabu etċ. Illi s-somma tal-manteniment ġiet stabbilita snin ilu u l-esponenti hija tal-fehma umli li tali ammont ta' manteniment m'huwiex xieraq fiċ-ċirkostanzi attwali, u għalhekk għandu jiġi varjat b'dan li l-konvenut jiġi ordnat iħallas manteniment ta' tlett mija u ħamsin (€350) kull l-ewwel jum tax-xahar".*
[57] Fol. 541.

wisq tenut kont li din tinkludi ukoll nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajet extra-kurrikulari, liema somma ma jidhirx li qatt għoliet skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Madanakollu tara li dak li qiegħda titlob l-attriċi, u ċjoe' is-somma ta' €350 fix-xahar hija fiċ-ċirkostani eċċessiva u dan in vista tal-fatt li ma ġie pprezentat l-ebda prospett tal-infiq ta' flus li jirrikjedi l-minuri. F'kazijiet fejn si tratta l-paga bazika, il-Qorti dejjem tordna l-ħlas tas-somma minima ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment u s-somma ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) għall-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajet extra-kurrikulari – liema somma fil-kuntest odjern hija raġjonevoli.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenut u dan ġialadarba l-minuri G B ser ikompli jabita ma' ommu, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal G B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-istess minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'kaz li t-tifel jagħzel li jmur igħix għal rasu wara li jkun sar maġġorenni, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

## 6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar id-9 ta' April 2005, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti*

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji u investimenti, l-attriċi tikkontendi illi kull kont bankarju intestat fuq isem il-partijiet b'mod individwali, tali kontjiet għandhom jibqgħu f'isem tali parti, filwaqt li l-kontijiet konġunti għandhom jinqasmu b'mod ugwali.[58] Mill-atti jirrizulta illi ġew ezebiti biss dawk il-kontijiet bankarji li jappartjenu lil Kristen B fuq isimha personali, u ċjoe':

i. 40010627792 mal-Bank of Valletta plc bħala *savings account*;[59]
ii. 033167073050 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *savings account*;[60]
iii. 050052356001 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *current account*;[61]
iv. 013168307050 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *savings account;*[62]
v. 4568822088546919/4568820155797894 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *Visa Classic Account*;[63]
vi. 16043080 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *loan account* ta' LM11,851.89 miftuħ nhar 15 ta' Jannar 2004;[64]
vii. 065018343301 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *loan account* ta' €6,500 miftuħ nhar l-20 ta' April 2010;[65]
viii. 065018343302 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *loan account* ta' €3,500 miftuħ nhar is-6 ta' Awwissu 2010;[66]
ix. 065018343300 mal-HSBC Bank Malta plc bħala *loan account* ta' €9,300 miftuħ nhar is-7 ta' April 2010 u magħluq nhar it-12 ta' April 2010.[67]

F'dan ir-rigward, il-Qorti tabbraċċja l-konkluzjoni tal-Perit Legali, fis-sens illi: *"fil-kontijiet tal-bank li kien hemm fuq isem l-attrici kien hemm ammonti minimi, u jingibdu ammonti li huma gustifikabbli ghan-nefqiet tal-hajja. L-attrici*

[58] Fol. 19.
[59] Fol. 100 – 115.
[60] Fol. 120 – 244.
[61] Fol. 245 – 349.
[62] Fol. 385 – 387.
[63] Fol. 388 – 483.
[64] Fol. 484 – 493.
[65] Fol. 494 – 500.
[66] Fol. 501 – 508.
[67] Fol. 128.

*ghandha wkoll il-Visa Classic Card taghha, li permezz taghha taghmel diversi xirjiet, inkluz dak bl-internet. Ikun ghalhekk opportun illi l-kontijiet, ta' liema forma jkunu, u loan accounts mal-bank, li qeghdin f'isem xi parti jew ohra jigu assenjati lil dik il-parti li fuq isimha jkun intestat dak il-kont partikolari. Dwar il-kontijiet li jista' hemm u li huma kongunti, min-naha l-ohra, dawn ghandhom jigu assenjati b'mod ugwali bejn il-partijiet".*

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji intestati jew intizi għal minuri G B, mill-atti jirrizulta li hem zewġ kontijiet ta' dan it-tip: (i) 40015774077 mal-Bank of Valletta plc,[68] u (ii) 073038457050 mal-HSBC Bank Malta.[69] Il-Qorti qiegħda tassenja lil kull parti nofs sehem indiviż mill-kontijiet intestati jew intiżi għall-minuri, liema kontijiet bankarji għandhom isiru jsejħu liż-żewġ partijiet, fejn dawn tal-aħħar isiru *both signatories* għalihom b'dana li kull deċiżjoni spettanti lill-istess kontijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet b'mod ugwali.

Fir-rigward tal-polza ta' assigurazzjoni mal-Global Capital li tgħajjat lill-minuri G B, l-attriċi tikkontendi illi din għandha tibqa' tiġi mħallsa b'mod ugwali mill-partijiet b'dana illi hekk kif il-minuri jagħlaq l-eta' ta 18-il sena, din tinqaleb fuq ismu.[70] Din it-talba ma ġietx kontradetta mill-konvenut. Għaldaqstant il-Qorti tabbraċċja ukoll il-konkluzjoni tal-Perit Legali: *"Illi l-esponent huwa wkoll tal-fehma illi l-polza ta' assigurazzjoni relattiva ghall-minuri wild il-partijiet ghandha tibqa' tithallas f'sehem ugwali mill-partijiet, b'dan illi kull struzzjoni rigwardanti t-tisrif jew likwidazzjoni ta' din il-polza ghandha tinghata bil-kunsens taz-zewg partijiet".*

Fir-rigward tal-mobbli kollha li jinsabu fid-dar ġewwa l-Qawra, il-Qorti tara illi ġie allegat illi diversi mobbli ġew mixtrija qabel iz-zwieġ, filwaqt li kien hemm mobbli oħra li ġew mixtrija wara z-zwieġ. L-attriċi ma telenka l-ebda mobbli, izda b'mod ġenerali tikkontendi illi *"naqbel illi aħna kien ikollna ammont ta' spejjez mhux biss il-loan u ahna konna naqsmu dawn l-ispejjez"*,[71] filwaqt li l-konvenut jirrileva illi *"l-ispejjes biex gharmajna d-dar kienu jithallsu ukoll minn dan il-kont – konna xtrajna l-kcina bl-appliances li dak iz-zmien kienet switilna LM9.000, u s-sufan LM500. Il-kamra tas-sodda matrimonjali Lm2,500 kont gibtha mieghi fiz-zwieg peress li kont ghadni nixtriha. Qabel iz-zwieg nghid li*

[68] Fol. 93 – 99.
[69] Fol. 350 – 427.
[70] Fol. 19.
[71] Fol. 521.

*nfaqna Lm12,000 u cioe €28,000. Fiz-zwieġ bqajna naghmlu l-istess. (...) Fiz-zwieg konna xtrajna spare bedroom, unit tal-gebel u main bedroom u din il-main bedroom konna xtrajniha ftit qabel ma tlaqt. Fiz-zwieg infaqna qisu €6,000".*[72]

Il-Qorti tinnota illi l-konvenut ma kkorraborax l-allegazzjonijiet tiegħu permezz ta' dokumenti u/jew irċevuti, u b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda prova dwar meta u kemm inxtraw il-mobbli in kwistjoni. Fil-fatt il-Perit Legali osserva u kkonkluda illi:

*"Dwar il-mobbli fil-fond konjugali, ma ngabet l-ebda prova dwar x'hemm u fiex jikkonsistu, u kemm jiswew dawn il-mobbli. Ghalkemm il-konvenut jghid li hallsu flimkien ghall-prezz tal-kcina (Lm9,000) u ghas-sufan (Lm500), l-attrici min-naha l-ohra ma taqbilx ma' dan. F'kull kaz, ma gew esebiti l-ebda ricevuti ta' dan l-infieq, la minn parti u lanqas minn ohra, u ghalhekk l-esponent ma jistax fil-ghama jassenja somma lill-konvenut bhala sehmu ghall-flus li hareg fl-interess ta' l-appartament li huwa parti mill-beni parafernali ta' l-attrici.*

*Illi l-konvenut isostni izda li qabel iz-zwieg kien dahhal fl-appartament in kwestjoni ghamara ta' kamra tas-sodda li kienet tiswa Lm2,500. L-attrici taqbel illi dan hu l-kaz, izda ma tikkonfermax il-valur ta' l-istess. Ladarba din l-ghamara ser tibqa' tintuza mill-attrici, l-esponent hu tal-fehma illi l-attrici ghandha tikkumpensa lill-konvenut ghal din l-ghamara li hija parti mill-beni parafernali tieghu, u kunsidrata l-moghdija taz-zmien, thallsu taghha elfejn u tliet mitt Euro (€2,300). Mill-bqija, l-esponent huwa tal-fehma li l-oggetti mobbli u ghamara kollha li hemm fl-appartament tal-Qawra ghandhom jigu assenjati lill-attrici".* Il-konvenut ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-Perit Legali u dan kif jirrizulta min-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, filwaqt li min-naħa l-oħra, l-attriċi dejjem kienet tal-fehma li l-mobbli jiġu assenjati lilha.[73]

F'dan l-istadju l-Qorti qiegħda tawtorizza lill-attriċi tagħmel uzu mill-għamara kollha ġewwa d-dar matrimonjali lill-attriċi in vista li hija ser tibqa' tabita fil-fond bl-indirizz *"Sean Court, Flat 11, Triq l-Iskuna, Qawra"*, bil-kundizzjoni li tali għamara ma għandhiex tinbiegħ, tiġi mgħoddija b'donazzjoni jew mormija, u dan għar-raġunijiet kif ser jiġu spjegati segwentament f'din it-taqsima.

[72] Fol. 541.
[73] Fol. 18.

Fir-rigward tal-vettura tat-tip Ford Ka bin-numru ta' reġistrazzjoni TOP-555 u l-vettura tat-tip Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni HBH-864, kienet biss l-attriċi li għamlet referenza għalihom, fejn irrilevat illi: (i) fir-rigward tal-vettura tat-tip Ka, din tinsab irreġistrata fuq isimha u qiegħda titħallas esklussivament minnha, filwaqt illi, (ii) fir-rigward tal-vettura tat-tip Toyota Yaris, din tinsab irreġistrata fq isem il-konvenut u qiegħda titħallas esklussivament minnu,[74] u għaldaqstant kienet tal-fehma illi kull parti għandha tiġi assenjata dik il-vettura li għanda rreġistrata fuq isimha - liema verzjoni ma ġietx kontradetta mill-konvenut. Il-Perit Legali josserva u jikkonkludi illi: *"ma ngabet l-ebda prova tar-registrazzjoni jew ezistenza ta' l-istess, ghalkemm xehdet dwarhom l-attrici. F'dan ir-rigward, l-esponent huwa tal-fehma li l-karozzi rispettivi jigu assenjati lil dik jew dak il-parti li f'isimhom huma registrati, b'dana illi kull parti li lilha tmissha karozza ghandha thallas kwalsiasi spejjez jew citazzjonijiet li jkun hemm pendenti fuq l-istess karozza"*. Il-Qorti tabbraċċja l-istess konkluzjoni u taddotta l-istess fis-sentenza tagħha.

Fir-rigward tal-vettura tat-tip Fiat 600 bin-numru ta' reġistrazzjoni EBJ-208, il-konvenut jirrileva illi din il-vettura inbiegħet mill-attriċi lil Odette Ciantar versu l-prezz ta' €4,900 u sabiex jikkorrabora tali allegazzjoni huwa jipprezenta kopja tal-ftehim li sar bejn l-imsemmija partijiet. Il-konvenut jikkontendi ukoll illi din is-somma nzammet mill-attriċi, filwaqt li min-naħa l-oħra l-attriċi ma ssemmi xejn f'dan ir-rigward. Fir-rapport tiegħu, il-Perit Legali osserva illi *"L-iskrittura li biha sar il-bejgh in kwestjoni tipprovdi illi din is-somma kellha tithallas fi zmien tliet (3) snin mid-data ta' l-iskrittura, illi tidher fil-qiegh ta' l-istess bhala t-28 ta' Mejju 2010, u ghaldaqstant dawn kellhom jithallsu sat-28 ta' Mejju 2013, u fin-nuqqas li jsir il-hlas, l-attrici kellha l-jedd li tiehu lura l-vettura. Matul il-kawza, ma ngabet l-ebda prova li l-attrici ma thallsitx jew li l-karozza ttiehdet lura, u ghalhekk ukoll, il-konvenut imissu jithallas nofs dan l-ammont percepit mill-attrici, b'dan ghalhekk li l-attrici ghandha thallsu elfejn, erba' mija u hamsin Euro (€2,450)"*. Il-Qorti tabbraċċja l-istess konkluzjoni tal-Perit Legali, u dan tenut tal-fatt ukoll illi lanqas biss inġabet prova dwar jekk tali vettura kienetx parafernali *o meno* tal-attriċi.

Fir-rigward ta' kwalsiasi dejn li għandhom il-partijiet, il-Perit Legali jikkonkludi illi *"kull parti ghandha tigi kkundannata thallas dak id-dejn li tkun ghamlet personalment, anke dak sad-data tas-sentenza"*. Il-Qorti kkunsidrat li minkejja li

[74] Fol. 19.

l-attriċi fin-nota ġuramentata titlob sabiex tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas dak id-dejn li l-attriċi ma tafx bih,[75] l-attriċi ma tispeċifikax jekk hija tafx b'xi dejn li sar matul iz-zmien li kienu għadhom qegħdin jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf, ċjoe' mis-sena 2005 u l-2010. Min-naħa l-oħra tara ukoll illi kien hemm numru ta' mandati intavolati kontra l-konvenut,[76] liema fatt jikkonfermah hu stess fl-affidavit tiegħu. Għldaqstant, fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tordna sabiex kull dejn li sar mill-partijiet bejn is-sena 2005 u l-2010 għandu jitħallas ugwalment bejn il-partijiet, filwaqt li dak id-dejn li sar minn kull parti mill-2011 'il quddiem, dan id-dejn għandu jitħallas minn dik il-parti li ddejnet.

*Elenku tal-Assi Parafernali, u l-Assenjazzjoni tal-istess lill-Partijiet Ikkonċernati*

Fir-rigward tal-kamra tas-sodda matrimonjali mixtrija mill-konvenut qabel iz-zwieġ, jidher li dwar din il-kwistjoni ma hemmx kontestazzjoni, hekk kif l-attriċi stess fil-kontro-ezami tagħha tikkonferma li l-kamra tas-sodda kien xtraha l-konvenut qabel iz-zwieġ. Madanakollu l-attriċi ma tikkumentax rigward il-valur tal-imsemmija karma tas-sodda. Ġialadarba hemm qbil dwar din il-kwistjoni, il-Qorti ma tarax għaliex il-konvenut ma għandux jingħata lura kreditu għall-imsemmija karma tas-sodda. Għaldaqstant, il-Qorti tabbraċċja l-konkluzjoni tal-Perit Legali u ċjoe' "*Illi l-konvenut isostni izda li qabel iz-zwieg kien dahhal fl-appartament in kwestjoni ghamara ta' kamra tas-sodda li kienet tiswa Lm2,500. L-attrici taqbel illi dan hu l-kaz, izda ma tikkonfermax il-valur ta' l-istess. Ladarba din l-ghamara ser tibqa' tintuza mill-attrici, l-esponent hu tal-fehma illi l-attrici ghandha tikkumpensa lill-konvenut ghal din l-ghamara li hija parti mill-beni parafernali tieghu, u kunsidrata l-moghdija taz-zmien, thallsu taghha elfejn u tliet mitt Euro (€2,300)*".

Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz *"Sean Court, Flat 11, Triq l-Iskuna, Qawra"*, l-attriċi tikkontendi illi din hija proprjeta' parafernali tagħha u sabiex tipprova dan il-fatt tipprezenta kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-fond in kwistjoni, datat 18 ta' Jannar 2002 u jinsab fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon.[77] Minn dan il-kuntratt jirrizulta illi l-attriċi xtrat il-fond versu l-prezz ta' għoxrin elf lira Maltin (LM20,000), fejn ħallset is-somma ta' tmint elef u tletin lira Maltin (LM8,030) qabel id-data tal-kuntratt finali, u l-kumplament tas-somma tħallset permezz ta' self mill-HSBC Bank Malta plc, fejn dan tal-aħħar sellef lill-attriċi s-somma

[75] *Ibid.*
[76] Fol. 86 u 119.
[77] Fol. 35.

komplessiva ta' tlettax-il elf u tlett mitt lira Maltin (LM13,300), permezz ta' liema somma l-attriċi ħallset ukoll kuntratturi varji sabiex jieħdu ħsieb il-*finishing* tal-fond mixtri.[78] Il-Qorti tara ukoll illi fix-xhieda in subizzjoni tal-attriċi ta' nhar it-23 ta' Ġunju 2014, l-attriċi tikkonferma illi *"meta ahna konna ghal konvenju u ghal kuntratt ta' dan il-post is-Sur B kien prezenti mieghi. Naqbel illi s-Sur B kellu nteress li jixtri din id-dar. Nikkonferma illi l-prezz ta' dan l-appartament thallas tlettax-il elf wro (€13,000) minn Giovanni… korrezzjoni…tlettax-il elf lira Maltin (LM13,000) minn Giovanni u l-kumplament tnax-il elf lira Maltin (LM12,000) issellifthom mill-Bank. Nghid illi jiena kont xtaqt illi l-post ikun bhal ma jkunu koppja normali izda peress illi hu kellu l-Qrati hu ma setghax jidhol fis-self. Meta nghid koppja normali jigifieri xtaqt illi jkun loan bejnietna t-tnejn u li l-post nixtruh bejnietna t-tnejn. Naqbel illi Giovanni kellu kollox maqbud permezz ta' sekwestru, dan kien peress illi huwa kellu ncident anzi nghid illi mhux wiehed u kien ghalhekk illi hadt il-loan kollu fuq ismi. Kieku ma kienx ghal dan is-sekwestru konna niehdu l-loan bejnietna. Nghid illi dwar il-loan ahna ma kellna l-ebda fethim minn ser ihallsu, daqqa kont inhallsu jien u daqqa kien ihallsu hu".*[79]

Madanakollu, il-konvenut ma jaqbilx illi dan il-fond għandu jitqies bħala proprjeta' parafernali tal-attriċi u dan minkejja li hekk jirrizulta mill-kuntratt ta' xiri, izda *"fic-cirkostanzi li kienu instabu fihom il-partijiet fil-mument tal-akkwist tal-propjeta', liema cirkostanzi ser jigu spjegati aktar l-isfel, ma kellhomx ghazla ohra ghajr li tidher l-attrici f'isimha kif ukoll in rapprezentanza indiretta (prestanome) ghall-konvenut",*[80] u in sostenn ta' dan jagħmel referenza għal numru ta' kazistika li jitkellmu dwar il-kunċett ta' *prestanome*.

Min-naħa l-oħra, il-Perit Legali wara li ħa konjizzjoni taz-zewġ pozizzjonijiet u l-provi prodotti minnhom, wasal għall-konkluzjoni illi *"jirrizulta wkoll illi l-fond konjugali huwa parti mill-beni parafernali ta' l-attrici. L-esponent huwa tal-fehma li ghandu jigi dikjarat, anke ghac-certezza, li dan il-fond jifforma parti mill-beni parafernali ta' l-attrici; u dan l-istess fond m'ghandux aktar jitqies bhala l-fond konjugali. Illi ghandu jinghad ukoll illi l-attrici, anke meta xehdet*

[78] Ara fol. 36 u/jew 56, fejn fil-kuntratt jiġi spjegat illi l-attriċi ddelegat lill-HSBC Bank Malta plc sabiex iħallas lill-venditriċi tal-fond, Sharon DeMarco bil-karta tal-identita' Maltija 312178M, is-somma ta' ħdax-il elf, disa' mija u sebgħin lira Maltin (LM11,970), filwaqt li l-bilanċ tas-somma mislufa u ċjoe' elf, tlett mija u tletin lira Maltin (LM1,330), ġiet imħallsa lil diversi kuntratturi inkarigati bix-xogħol ta' *finishing* u *completion* fuq l-istess proprjeta'.
[79] Fol. 521 – 522.
[80] Fol.

*minn jeddha, irrikonoxxiet illi ghandha thallas lill-konvenut tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000), u dan minhabba li l-konvenut kien hallas parti mill-prezz li bih inxtara l-appartament tal-Qawra. Din is-somma ghalhekk ghandha titqies bhala beni parafernali tal-konvenut, u ghandha tintradd lura lilu mill-istess attrici. Ghalkemm fi drabi ohra fix-xiehda taghha l-attrici tiddikjara li l-ammont kien ta' Lm11,000 u mhux dak ta' Lm13,000, il-partijiet, it-tnejn li huma, kemm-il darba semmew Lm13,000, u mhux Lm11,000, u ghalhekk hija din is-somma ta' Lm13,000 li ghandha tigi ritornata lill-konvenut".* Barra minn hekk fid-domandi in esklussjoni, senjatament jekk jaqbilx *"illi d-dar matrimonjali ghalkemm mixtrija f'isem l-attrici, il-konvenut kien participant attiv f'dan l-akkwist (prestanome) u ghalhekk ghandu jigi assenjat nofs is-sehem indiviz spettanti lilu"*, il-Perit Legali fisser illi ma jaqbilx għaliex *"mill-provi li hemm jirrizulta li l-konvenut ma riedx jidher fuq il-kuntratt ta' bejgħ minhabba s-sekwestri li kien hemm kontrieh, u mhux ghax kien inkariga lill-attrici sabiex tidher bhala presta nome tieghu. Din tal-mandati mhijiex raguni bizzejjed sabiex il-konvenut jippretendi li jigi assenjat nofs il-fond matrimonjali, u dan minghajr pregudizzju ghal dritt ta rkupru ta' dak li hareg biex inxtara l-fond, kif spjegat fir-relazzjoni".*[81]

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi mill-kuntratt ta' xiri ezebit jirrizulta inkontestat u paċifiku, li l-fond kien ġie akkwistat mill-attriċi sabiex iservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u meta hi kien dehret fuq il-kuntratt tal-akkwist dehret f'isimha proprju. Madanakollu f'dan l-istadju l-Qorti trid tikkunsidra x'kien l-intendiment tal-attriċi, ċjoe' jekk l-għan tagħha kienx illi tixtri l-fond għaliha jew għan-nom u fl-interess tal-konvenut ukoll. Għaldaqstant f'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza għal dik il-ġiurisprudenza nostrana li titratta x-xiri ta' djar matrimonjali u l-kwistjoni tal-*prestanome*:

i. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maryrose Tabone vs Anthony Stellini**,[82] ingħad:

*"Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi in propositu hija tal-fehema li meta l-konvenut akkwista l-fond "White House", ghalkemm deher huwa biss fuq il-kuntratt, huwa kien qed jakkwista ukoll ghan-nom u fl-interess ta' martu l-attrici. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq il-konsiderazzjonijiet li mill-provi jirrizulta car li l-akkwist tal-fond sar miz-zewg partijiet bi flus*

[81] Fol. 618.
[82] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar il-31 ta' Jannar 2008 (Rik. Nru. 2613/1998/1).

*rikavati minn proprjetajiet parafernali tat-tnejn; u di piu' l-attrici kienet tahdem regolarment fil-gestjoni tar-restaurant li l-introitu tieghu kien jintuza biex jigi rinovat ir-restaurant kif ukoll sabiex tigi rrangata d-dar soprastanti.*

*In fine jigi osservat li hija assodata fil-gurisprudenza nostrana il-figura tal-mandatarju prestanome; u l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' haddiehor jiswa avvolja l-ftehim dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-ohra ma jkunx sar bil-miktub";*

ii. Fis-sentenza fl-ismijiet **Nicholas Calleja noe vs Lawrence Brincat**,[83] ingħad:

*"Illi l-pretensjoni attrici in propozitu hija fis-sens li dan il-fond gie akkwistat mill-konvenut, kemm fuq ismu, kif ukoll bhala prestanome ta' l-attrici, allura gharusa tieghu. Hija tghid li peress li kienet taht l-eta' hija ma setghetx tiffirma dokumenti legali; izda ssostni li kienet prezenti ghall-laqghat kollha li saru ghand in-nutar, kif ukoll il-laqgha li saret ghand il-Lohombus sabiex tittiehed il-loan. Tghid li f' din il-laqa' ttiehdet konsiderazzjoni tal-paga taghha ghall-fini tal-pagamenti tal-loan.*

*L-attrici tghid li, ghalkemm hi ma kienet hallset xejn mill-prezz ta' l-akkwisti, hija kienet hallset minn flusha t-taxxa u d-dritt tan-nutar. Inoltre, ghalkemm sakemm izzewgu l-pagamenti tal-loan kienu jsiru biss mill-konvenut, izda wara z-zwieg bdew isiru mis-salarju taghha. Tghid li, sabiex setghu jiehdu l-loan kellhom isiru xi spejjez fil-fond ta' circa LM500 li hallset ghalihom hi.*

*Illi l-konvenut minn naha tieghu jghid li hu biss kien deher fuq il-kuntratt, ghax hu ried li l-post jixtrih hu qabel iz-zwieg. Jichad li l-attrici kienet dehret ghall-kuntratt, u jichad li hi kienet hallset l-ispejjez konnessi mal-kuntratt, u jghid li dawn kienu thallsu minn self li tatu ommu ghal dan il-ghan. Jikkonferma li, sakemm izzewgu, il-pagamenti tal-loan kienu jsiru minnu biss, u kien biss wara z-zwieg li l-pagamenti bdew isiru mill-flus komuni, jigifieri tal-komunjoni. Jghid ukoll li wara li l-attrici telqet f' Novembru 2000, il-loan baqghet tithallas mill-paga tieghu.*

[83] Deċiza mill-Qorti tal-Familja, nhar it-28 ta' Ottubru 2010 (Rik. Nru. 1523/2001/2NC).

*Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, parti minn dak allegat mill-attrici gie michud mill-konvenut. Inoltre l-fatt provat, u ammess mill-istess attrici, li hi sakemm izzewgu ma hallset ebda parti mill-prezz, u l-pagamenti tal-loan kienu jithallsu biss mill-introjtu tal-konvenut, jaghti konfort lit-tezi tieghu li hi fis-sens li meta huwa deher fuq il-kuntratt ta' l-akkwistu, huwa deher ghalih in-nifsu biss. Jigi osservat li dawk il-pagamenti li saru wara z-zwieg, saru mill-fondi tal-komujoni, anke jekk saru mill-paga ta' l-attrici.*

*Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehema li din il-proprjeta' ma tidholx fl-assi tal-komunjoni, izda hija proprjeta' parafernali tal-konvenut, li fuqha hemm debitu versu l-komunjoni tal-pagamenti tal-loan li kienu saru mid-data taz-zwieg [30.05.1992] sad-data tad-divorzju [19.11.2001], bir-rata ta' LM53 fix-xahar, ammontanti ghal €14,012 [ekwivalenti ghal LM6,015.50]"*;

iii. Fis-sentenza fl-ismijiet **Yvonne Borg vs Christopher Borg**,[84] ġie mgħallem illi:

*"Fejn din il-Qorti tara' li l-konvenut ghandu ragun, huwa fil-kuntest tal-aggravju tieghu dwar id-dar matrimonjali. Mhux kontestat li dan il-fond inxtara mill-attrici qabel iz-zwieg u, allura, jidher li hu proprjeta` parafernali taghha. Il-konvenut, pero`, jallega li l-attrici akkwistat l-istess fond bhala prestanome tieghu wkoll, ghax il-hsieb kien li l-fond jinxtara bi shab bejn il-partijiet allura gharajjes, biex iservi bhala d-dar matrimonjali taghhom. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li, ghalkemm kien hemm indizji ta' dak li allega l-konvenut, f'kull kaz, il-partijiet, dakinhar stess li nxtara l-fond, iffirmaw skrittura privata li fiha stipulaw x'jigri jekk l-gherusija jew iz-zwieg futur jithassru; f'kaz ta' din l-eventwalita`, l-attrici kellha l-ghazla jew li tbiegh l-imsemmi fond, u r-rikavat jinqassam b'mod indaqs, jew izzomm il-fond ghaliha u tirrifondi lill-konvenut kull somma minnu mahruga fuq ix-xiri tieghu u ghal hlas tar-rati mensili. L-ewwel Qorti qalet li din l-iskrittura hija valida, torbot lill-partijiet u, skond hi, turi li l-konvenut kien qed jammetti li l-fond hu tal-attrici biss.*

*Il-konvenut, da parti tieghu, baqa' jinsisti li hu ghandu sehem ta' nofs tal-fond, peress li hekk kien il-hsieb tal-partijiet, u l-fond inxtara fuq isem l-*

[84] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar il-25 ta' Ġunju 2010 (App. Nru. 755/2003/1).

*attrici peress li dak iz-zmien, il-korporazzjoni Lohombus, li minghandha kienu se jihdu self, kellha l-pratikka li tinsisti li l-kuntratt tal-akkwist isir biss fuq isem dik il-parti li se tinghata self, u f'dan il-kaz, is-self kien se jinghata biss lill-attrici peress li kellha introjtu ahjar mill-konvenut.*

*Ghar-rigward in-nozjoni ta' prestonome, fil-kawza* ***Maria Calleja nomine v. Paolo Deguara*** *deciza minn din ilQorti fl-10 ta' Ottubru 1930 (Vol. XXVII.i.620), gie osservat: "nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figurante nell'atto ma avente diritto di avocare a se` quello che vi si e` contrattato nel proprio interesse". Fir-rigward ta' dan il-kuncett dan gie spjegat b'mod konciz u car minn din il-Qorti fis-sentenza* ***Professur Anthony Mamo nomine v. Charles Sant Fournier*** *tat-2 ta' Mejju 1957:- "Illi l-mandatarju prestanom huwa dak illi apparentement jezercita drittijiet ta' proprjetarju, mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta hu, f'din il-kwalita` ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta` tal-haga immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiz akkwirenti, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward ta' terzi jibqa' lprincipju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet sigreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palesi, ma jipproducu ebda effett.* ***Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat; u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant****" (Sottlinear, ossia enfasi, ta' din il-Qorti). Tezisti sensiela shiha ta' gurisprudenza li ttrattat dan il-kuncett.*

*L-oneru tal-prova hu fuq il-konvenut, u din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, tara li hu rnexxielu jissodisfa dan il-piz mixhut fuqu. Jirrizulta li l-partijiet kienu applikaw ghal sussidju mill-Awtorita` tad-Djar, applikaw flimkien u ttalba giet milqugha precizament ghax huma kienu gharajjes u riedu jixtru l-post bil-hsieb ta' zwieg. It-tnejn flimkien avvicinaw il-Korporazzjoni Lohombus ghal ghajnuna, u l-kuntratt sar biss fuq isem l-attrici minhabba l-policy li kienet issegwi dak iz-zmien il-korporazzjoni u mhux ghax hekk xtaqu l-partijiet. Il-prezz tal-akkwist, minbarra s-self, harguh iz-zewg partijiet ugwalment, u lhlas lura tas-self kollu kellu jsir minn flus tat-tnejn b'mod ugwali. Kif inghad, kienet il-korporazzjoni li ddecidiet*

*fuq min kellu jinhareg il-loan, izda din insistiet ukoll li lkonvenut jidhol garanti solidali mal-attrici ghat-twettiq tal-obbligazzjonijiet kollha li din assumiet vis-à-vis l-istess korporazzjoni. Wara z-zwieg, dan il-fond beda jservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u l-fond gie ameljorat u mghammar bl-interess u sforz tat-tnejn, ghalkemm il-hlasijiet kien jaghmilhom dejjem il-konvenut peress li l-attrici qatt ma hadmet fiz-zwieg. Dan kollu juri li l-hsieb tal-partijiet kien li d-dar tkun tat-tnejn. L-ewwel Qorti qalet ukoll li dawn il-fatti u cirkostanzi ohra, "donnhom jikkonfortaw it-tezi tal-konvenut", pero`, osservat li l-iskrittura privata li ffirmaw il-partijiet dakinhar stess tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt akkwist, biddel kollox. Gia` intwera li b'din l-iskrittura, il-partijiet ftehmu x'jigri mill-fond jekk l-gherusija jew iz-zwieg jithassru. Apparti l-fatt li la l-gherusija u lanqas iz-zwieg ma "thassru" (ghax separazzjoni personali ma thassarx zwieg li jibqa' jitqies validu), din il-Qorti ma tarax li meta l-konvenut iffirma dik liskrittura huwa kien qed jirrikonoxxi l-fatt li l-fond huwa parafernali ta' martu. Fil-fatt, kieku kien qed hekk jirrikonoxxi ma kienx ikollu ghalfejn jiffirma dik l-iskrittura, ghax il-kuntratt innifsu kien juri li l-fond kien qed jinxtara biss mill-attrici. L-iskrittura saret proprju biex il-konvenut jkollu xi haga x'juri dwar l-interess tieghu fil-fond f'kaz ta' problema ma' martu, tant li din irrikonoxxiet li jekk tbiegh il-fond lill-terzi, ir-rikavat, wara li jithallsu d-djun gravanti listess fond, jinqasam <u>ugwalment</u> bejn il-partijiet.*

*Lanqas ma din il-Qorti tifhem li l-konvenut, b'dik l-iskrittura (li tista' titqies li ghandha n-natura ta' ftehim/weghda dwar il-mod ta' disposizzjoni ta' oggett in komun f'kaz li jigri xi haga fil-futur – it-"thassir" taz-zwieg), ried jirrinunzja ghal sehemu mill-fond. L-ghazla xi jsir mill-fond inghatat lillattrici, izda il-hsieb kien li kemm jekk taghzel li tbiegh ilfond lill-terzi, u kemm jekk taghzel li zzomm l-istess ghaliha, il-konvenut irid jigi kkumpensat ghal sehemu. Irrinunzji jridu jirrizultaw cari u inekwivoci, u f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-hsieb tal-partijiet ma kienx li xi parti ma tiehux sehemha fi flus tal-valur tal-proprjeta`";*

iv. Fis-sentenza fl-ismijiet **Rosanna sive Roxanne Rizzo pro et noe vs Adrian Rizzo**,[85] ingħad illi:

[85] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar il-31 ta' Ottubru 2014 (App. Nru. 52/2008/2).

*"46. Din il-Qorti, wara ezami rett tal-atti processwali, hija tal-fehema li, ghalkemm huwa minnu, anzi huwa pacifiku, li l-fond kien gie akkwistat mill-konvenut sabiex iservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u ghalkemm parti mill-loan thallset wara z-zwieg il-fatti provati jsostnu t-tezi tal-konvenut, u cioe` li meta hu kien deher fuq il-kuntratt tal-akkwist deher f'ismu proprju biss u bil-ghan li jixrti il-fond hu biss. Din il-konkluzjoni hi sostnuta mis-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*47. Sabiex jikkonfigura l-mandat tacitu jehtieg li jigi ppruvat il-kunsens espress, ghalkemm mhux necessarjament bil-miktub, taz-zewg partijiet; jehtieg li jigi ppruvat l-idem placitum consensus taz-zewg partijiet, kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut ghax huwa l-fuzjoni tal-kunsens taghhom li johloq il-vinkolu legali u jwassal ghall-ezistenza ta' dan il-mandat u ghall-applikazzjoni tal-principji relattivi.*

*48. Fil-kaz odjern jirrizulta car li, fuq il-kuntratt u anke fuq il-konvenju, deher il-konvenut biss, u l-attrici, ghalkemm prezenti ma deheritx fuq l-ebda wiehed minn dawn l-atti, u ma tatx spjegazzjoni ghal dan. Inoltre, ma rrizultatx l-ezistenza ta' xi impediment legali, jew del resto xi impediment iehor, li ostakola lill-attrici milli tidher fuq il-kuntratt. Hija kienet prezenti izda ma ffirmatx, u ghalhekk hija valida l-konkluzjoni li n-nuqqas taghha li tidher fuq l-atti relattivi jfisser li ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet li jakkwistaw il-post flimkien bhala kompropretarji. Huwa minnu li l-akkwist kien sar bi skop li l-fond jintuza bhala d-dar matrimonjali, imma l-provi juru li l-akkwist kien sar mill-konvenut biss u ghalhekk il-fond jappartjeni lilu u lilu biss.*

*49. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti fil-konkluzjoni taghha li f'dan il-kaz ghandhom japplikaw il-principji tal-prestanome. Dik il-Qorti ssemmi tliet fatturi li wassluha ghall-konkluzjoni taghha: li l-akkwist tal-fond sar ftit aktar minn sentejn qabel iz-zwieg; li l-parti l-kbira tal-prezz thallas matul iz-zwieg u allura mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti; u li l-iskop tal-akkwist kien li l-partijiet jixtru l-fond flimkien.*

*50. Din il-Qorti tosserva li l-ebda wiehed minn dawn il-fatturi, u lanqas kumulittivament, ma jwasslu ghall-prova sodisfacenti tal-ezistenza tal-prestanome. Il-fatt li l-fond inxtara aktar minn sentejn u nofs qabel iz-zwieg*

*ma jimmilitax favur it-tezi attrici, anzi l-fatt li l-attrici kienet prezenti u ma ffirmatx ghall-kuntrattt juri proprju l-kuntrarju u cioe` li l-konvenut kien qed jakkwista l-fond biex ikun proprjeta` tieghu. L-anqas il-fatt li parti mill-prezz thallas mill-flus tal-komunjoni tal-akkwisti ma jimmilita favur it-tezi attrici, stante li dan jaghti biss lok ghall-kreditu tal-komunjoni fil-konfront tal-konvenut, u ghalhekk il-konsegwenzjali kreditu favur l-attrici ta' nofs il-pagamenti maghmula. Fl-ahharnett il-fatt li l-fond inxtara mill-konvenut bl-iskop li jservi bhala d-dar matrimonjali ma jwassalx, in difett ta' provi cari li juru l-kuntrarju, ghall-konkluzjoni li l-akkwist kien qed isir ukoll ghan-nom tal-attrici, ghax ghandha ssir distinzjoni bejn l-iskop jew il-motiv li ghalih inxtara l-fond, u l-akkwist tal-proprjeta` tal-istess fond, u f'dan il-kaz kif fuq indikat, il-provi juru li fuq il-kuntratt deher biss il-konvenut ghax kien hu biss li kien qed jakkwista l-fond.*

*51. Lanqas il-fatt provat li sussegwentement, u cioe` wara l-akkwist tal-fond, il-partijiet tgharrsu formalment u kienu ftehmu li l-konvenut ikompli jhallas l-ispejjez tal-fond filwaqt li hi thallas l-ispejjez tal-honeymoon, ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, ghax il-fatt li l-konvenut accetta l-ftehim li l-attrici thallas il-honeymoon ma jaghmilx lill-attrici partecipi fil-proprjeta` tal-fond. Se mai dan il-ftehim ikompli jsahhah il-konkluzjoni li l-fond jappartjeni lill-konvenut u ghalhekk accetta li jkompli jhallas hu l-ispejjez tal-fond. Inoltre, il-Qorti tosserva li dan il-ftehim jirrigwarda biss il-modalita` tal-hlas tal-ispejjez bejn il-partijiet, liema spejjez kienu maghmula ghall-godiment taghhom it-tnejn, izda ma jirrigwardjawx id-dritt ta' proprjeta` tal-fond de quo"*;

v. Fis-sentenza fl-ismijiet **Julia Coleiro vs Carmel Coleiro**,[86] ingħad:

*"54. Kif ritenut minn din il-Qorti diversament komposta: "Huwa stabbilit li, biex jinghata mandat bhal dan [prestanome], m'hemmx ghalfejn li jkun bil-miktub u l-ligi specjali li thares dan il-kuntratt dan tghidu car, b'mod li lanqas ma hija mehtiega l-kitba biex persuna tahtar lil persuna ohra biex tikseb gid immobbli f'isimha. Jehtieg madankollu, li l-mandat ikun wiehed espress u mhux biss implicitu. Ladarba ma jkunx hemm il-kitba tal-hatra bhal dik, jaqa' fuq min jallega l-mandat il-piz li jippruvah kif imiss, u din il-*

[86] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar il-31 ta' Ottubru 2014 (App. Nru. 351/2005/1).

*prova trid tkun tajba bizzejjed biex toqghod ghall-vot tal-grad probatorju mistenni f'kawzi ta' natura civili".*[87]

*55. Ghalhekk l-ezercizju li jehtieg isir mill-Qorti gudikanti huwa dak li tiddetermina jekk fil-kaz odjern gewx sodisfacentement provati l-fatti li, kumuluttivament, iwasslu ghall-konfigurazzjoni tal-figura tal-prestanome;*

*(...)*

*57. Kif mistqarr mill-istess attrici fl-affidavit taghha l-konvenut "ried li jidher hu fuq il-kuntratt". Tghid li, ghalkemm hi kienet prezenti, hija ma ffirmatx fuq il-kuntratt, u ghajr ghall-fatt li l-konvenut ried li jidher hu biss, kif ukoll li l-attrici kienet fdatu, din ma tat ebda raguni ohra ghaliex ma dehritx fuq il-kuntratt.*

*58. Din il-Qorti tosserva li sabiex jikkonfigura l-mandat tacitu jehtieg li jigi ppruvat il-kunsens espress, ghalkemm mhux bil-miktub, taz-zewg partijiet; jehtieg li jigi ppruvat l-idem placitum consensus, taz-zewg partijiet, kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut ghax, huwa l-fuzjoni tal-kunsens taghhom li johloq il-vinkolu legali u jwassal ghall-ezistenza ta' dan il-mandat u ghall-applikazzjoni tal-principji relattivi.*

*(...)*

*60. Din il-konkluzjoni tkompli tigi fortifikata bil-konsiderazzjoni li ma kien hemm ebda impediment legali li kien jostakola lill-attrici li tidher fuq l-att li kieku verament kien hemm ftehim bejn il-partjiiet f'dan is-sens.*

*(...)*

*64. Fil-kaz odjern ma rrizultax li l-attrici kienet legalment inkapaci li tidher fuq l-att tal-akkwist tal-art sabiex flimkien mal-konvenut issir kompropretarja tal-istess. Lanqas ma rrizulta sodisfacentement provat li hi kkontribwiet b'mod relevanti ghall-akkwist u ghall-eventwali kostruzzjoni tad-dar. Fir-rigward din il-Qorti ma tistax taqbel mal-osservazzjoni*

[87] App. S 1088/03 ***Yvette Galea vs Philip Galea***, deciza 3 ta' Frar 2012.

*maghmula mill-ewwel Qorti, li l-attrici kienet tat kontribut sostanzjali ghall-finanzjament tad-dar.*

*65. Din il-Qorti tosserva li l-Qorti ghandha tiddeciedi iuxta allegata et probata, u f'dan il-kaz l-oneru kien jaqa' fuq l-attrici li tipprova sodisfacentement dak allegat minnha li hi verament ikkontribwiet sostanzjalment ghax-xiri tal-art u ghall kostruzzjoni tad-dar. Izda l-provi taghha fir-rigward huma in parte insufficjenti u in parte mankanti. Huma insufficjenti ghax hija strahet fuq dak allegat minnha, kif ukoll fuq dak li x-xhieda taghha, semghu minn ghandha".*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tissottolineja illi sabiex jiġi stabbilit jekk il-fond in kwistjoni nkisibx mill-attriċi f'isimha proprju u kif ukoll bħala *prestanome* għall-konvenut, il-Qorti trid tieħu konsiderazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha u f'kaz fejn il-kunsens sabiex persuna taġixxi bħala *prestanome* ma jkunx ingħata bil-miktub, dik il-parti li tallega l-*prestanome* u in forza tal-massima legali min jallega jrid jipprova, għandha l-oneru illi tipprova l-kunsens espress, jew l-*idem placitum consensus* taz-zewġ partijiet, billi *inter alia* tispjega u tipprova dak l-impediment legali jew impediment ieħor li pprekludiha milli tidher f'isimha fil-kuntratt ta' akkwist, u s-sehem finanzjarju tagħha għall-akkwist tal-istess. Għaldaqstant, il-Qorti ser tezamina l-provi li għandha quddiemha sabiex tiddeċifra jekk fil-kaz odjern tiċċentrax il-kwistjoni tal-*prestanome o meno*.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-verzjonijiet tal-partijiet,[88] il-Qorti tinsab tal-fehma illi meta l-attriċi akkwistat il-fond f'Sean Court ġewwa Triq l-Iskuna

---

[88] Fl-affidavit tagħha tat-28 ta' Novembru 2012, l-attriċi tispjega illi *"Nibda billi nghid li ltqajt ma' Giovann f'Diċembru tas-sena 2000 u bdejna nohorgu flimkien. Ghadda z-zmien, bqajna flimkien u ddecidejna li nizzewgu. Fil-frattemp jien xtrajt l-appartament gewwa l-Qawra fejn ghadni nghix sal-lum u fthmna li dan l-appartament kien ser jintuza bhala d-dar taz-zwieg. Ovvjament, peress li ma kellix flus bizzejjed biex inhallas dan l-appartament, kelli nissellef mill-bank. Il-pagamenti bqajt dejjem inhallashom jien u ghadni naghmel hekk sal-gurnata tal-lum. Giovann biex jghini, hareg is-somma ta' Lm13,000 (€30,281.85) u nirrikonoxxi li ghandi ntih dan l-ammont lura".* Sabiex tikkorrabora dan, l-attriċi tipprezenta kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-fond in kwistjoni, datat 18 ta' Jannar 2002. Matul ix-xhieda tagħha in subizzjoni ta' nhar it-23 ta' Ġunju 2014, l-attriċi tikkonferma s-segwenti: (i) *"mistoqsija jekk jiena qatx wriet xi haga nghid illi le xejn",* (ii) *"Naqbel illi meta jiena bdejt ir-relazzjoni tieghi mal-konvenut jiena kont bdejt nahdem",* (iii) *"Qed jigi suggerit lili illi ahna konna bdeja nfittxu proprjeta' flimkien u nghid illi naqbel ma' dan is-suggeriment ibaghad konna sibna l-post tal-Qawra li kien ghogob lilna t-tnejn",* (iv) *"Meta ahna konna ghal konvenju u ghal kuntratt ta' dan il-post is-Sur Grech kien prezenti mieghi",* (v) *"Naqbel illi s-Sur Grech kellu nteress li jixtri din id-dar. Nikkonferma illi l-prezz ta' dan l-appartament thallas tlettax-il elf ewro (€13,000) minn Giovanni…korrezzjoni…tlettax-il elf lita Maltin (Lm13,000) minn Giovanni u l-kumplament tnax-il elf lira Maltim (Lm12,000) ssellifthom mill-Bank",* (vi) *"Nghid illi jiena kont xtaqt illi l-post ikun bhal ma jkunu koppja normali izda peress illi hu kellu l-Qrati hu ma setghax jidhol fis-self. Meta nghid koppja normali jigifieri xtaqt illi jkun loan bejnietna t-tnejn u li l-post nixtruh bejnietna t-tnejn",* (vii) *"Naqbel illi Giovanni kellu kollox maqbud permezz ta' sekwestru… kieku ma kienx ghal dan is-sekwestru konna niehdu l-loan bejnietna",* (viii) *"Nghid illi dwar il-loan ahna ma kellna l-ebda ftehim minn ser*

Qawra, għalkemm dehret hi biss fuq il-kuntratt, hija kienet qiegħda takkwista ukoll għan-nom u fl-interess ta' zewġha l-konvenut u dan in vista tal-fatt illi:

i. **L-attriċi qatt ma kellha l-intenzjoni li tixtri fond waħedha**, anzi pjuttost il-kuntrarju. Fil-fatt jirrizulta li l-attriċi: (i) bdiet tfittex post mal-konvenut u mhux waħedha, (ii) il-fond in kwistjoni sabitu l-attriċi flimkien mal-konvenut, liema fond għoġob liz-zewġ partijiet, (iii) l-attriċi stess tikkonferma illi l-konvenut kellu interess li jixtri l-fond in kwistjoni tant li ħallas is-somma ta' Lm13,000, (iv) ix-xewqa tal-attriċi kienet li tkun bħal koppji oħra fejn tixtri l-post u tissellef mill-bank flimkien mal-konvenut, izda kienet konsapevoli li dan ma setgħax isir minħabba n-numru ta' mandati ntavolati kontra l-konvenut, u (v) ma kien l-ebda ftehim bejn l-attriċi u l-konvenut dwar il-ħlas tas-self mal-bank;

ii. **Il-kunsens espress tal-partijiet li jixtru l-fond bejniethom, fejn l-attriċi tidher għaliha nnifisha u kif ukoll bħala *prestanome* għall-konvenut jinsab ippruvat permezz tal-ħlas tas-somma ta' Lm13,000 da parti l-konvenut**, liema ħlas huwa kkonfermat mill-attriċi stess. F'dan il-kuntest il-Qorti tara illi l-attriċi tikkontendi illi *"Giovann biex jghini, hareg is-somma ta' Lm13,000 (€30,281.85)"* (sottolinejar tal-Qorti). Għalkemm l-attriċi tgħid illi l-konvenut *'għinha'* finanzjarjament sabiex tixtri l-fond in kwistjoni, jiġi nnutat illi l-attriċi fl-ebda waqt ma' tgħid illi tali somma ġiet

*ihallsu, daqqa kont inhallsu jien u daqqa kien ihallsu hu".* Min-naħa l-oħra, l-konvenut jispjega billi *"nghid li qabel iz-zwieg it-tnejn li ahna konna nahdmu full time – Kirsten kienet tahdem ma' MC Neill Limited u jiena kont nahdem mad-Devon Consolidated Biscuits. L-apartament matrimonjali, 11 triq l-Iskuna Qawra konna ghazilnih it-tnejn u il-hsieb kien li jkn bejnietna t-tnejn u dan kif xehdet Kirsten fl-ewwel seduta a folio 31. Meta sari l-kuntratt tax-xiri, fit-18 ta' Jannar 2002 jien kelli 6 mandati ta sekwestru/qbid (...) u ghalhekk jien kont gejt avvizat mill-avukat tieghi sabiex ma nidhirx fuq il-kuntratt tax-xiri tad-dar u b'hekk id-dar ma tidhirx fuq ismi ghax din setghet tinqabad bis-sekwestru ta' Qbid li kelli. (...) Ghall kuntratt konna prezenti it-tnejn quddiem in-Nutar u meta konna imorru l-bank halli nirrangaw dwar il-loan konna imorru fimkien u kont prezenti ukoll il-Bank meta irrangajna u tawna il-loan. Jiena kont hallast lin-nutar Lm500 u ukoll kif tikkonferma Kirsten fl-affidavit pargrafu wiehed a folio 20 datat 28 Novembru 2012 kont hallast nofs il-post Lm13,000. Kirsten dak iz-zmien ma kelliex flus u l-bank kien seifna ghax konna hallasna nofs il-prezz tad-dar. Jien kont hallast il-flus ghax kont writ fosthom garaxx li kont bieghet. Kirsten dejjem irrikonoxxiet dan l-ammont u tghid li ghandi niehdu lura. Konna hadna loan mill-bank sabiex xtrajna id-dar matrimonjali u minhabba is-sekwestru imsemmi aktar il-fuq l-kont kien f'isem Kirsten Grech. Il-pagi tieghi mill-Consolidated Biscuits ta' circa Lm140 kull gimghatejn kienet tidhol f'kont Savings BOV bin-numru 40010627792 f'isem Kirsten (a folio 100) u l-paga ta' Kirsten ta' circa Lm108 kull gimghatejn kienet tidhol go kont Savings HSBC bn-numru 033-167073 f'isem ukoll Kirsten (a folio 120 u dank if xehdet hi stess waqt l-istess imsemmija seduta). Il-bank kien jaghmel transfer halli jithallas il-loan. Konna inhallsu Lm60/€140"*. Konsegwentament u in kontro-ezami ta' nhar il-15 ta' Marzu 2018, il-konvenut meta mistoqsi jekk *"meta tlaqt mill-appartament waqaftx inhallas il-loan, nghid li le, komplejt inhallas ghal sentejn ohra, bl-internet banking. Jien waqaft inhallas fl-2012. Mill-2012 sal-lum jien ma hallast l-ebda parti mil-loan. Jien mghandix idea min qed ihallas illum"*.

*'mislufa lilha'* minn għand il-konvenut biex tixtri l-fond f'isimha waħedha. B'hekk tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-konvenut ħareġ tali somma rapprezentanti sehemu mis-somma globali tal-fond, għaliex altrimenti li kieku huwa sellef tali somma lill-attriċi, il-Qorti temmen li l-konvenut kien jittenta jissalvagwardja l-interessi tiegħu permezz ta' skrittura. Magħdud ma' dan, mill-atti ma jirrizultax illi wara l-akkwist tal-fond, il-konvenut qatt ma ried jirkupra tali somma minn għand l-attriċi ħlief f'dan l-istadju fejn il-partijiet qegħdin jiprosegwu bil-firda personali tagħhom u l-attriċi qiegħda tallega li l-fond huwa proprjeta' parafernali tagħha. Għaldaqstant il-ħlas tas-somma ta' Lm13,000 hija l-konferma li l-konvenut kien qiegħed jikkontribwixxi b'mod indirett għax-xiri tal-proprjeta';

iii. **Il-konvenut jispjega illi ma deherx fuq il-kuntratt tal-akkwist mal-attriċi u kif ukoll naqas milli jissellef minngħand il-bank *in solidum* mal-attriċi stante impediment,** liema impediment ġie ukoll ikkonfermat mill-attriċi. Il-konvenut jispjega illi minħabba kwistjoni li kellu ma' terzi kienu ġew ipprezentati diversi mandati ta' sekwestru u qbid fil-konfront tiegħu. Dawn il-mandati ġew ikkonfermati permezz tax-xhieda ta' Theresa Sammut in rapprezentanza tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, fejn ezebiet il-lista ta' mandati pprezentati kontra l-konvenut.[89] Minn din il-lista jirrizulta illi fis-sena 1999 ġew ipprezentati erba' (4) mandati kontra l-konvenut u b'hekk il-verzjoni tal-konvenut tirrizulta vertiera. In vista ta' dawn il-mandati u wara li l-partijiet sabu l-fond in kwistjoni li tant għoġobhom li riedu jixtruh, jidher illi l-konvenut ikkonsulta ma' avukat tal-għazla tiegħu dwar kif jista' jipprosegwi għax-xiri tal-proprjeta', fejn ġie mogħti l-parir biex ma jidhirx fuq il-kuntratt ta' xiri ta' proprjeta' jew jissellef flus mingħand il-bank. Għaldaqstant il-Qorti tara illi l-impediment tal-konvenut kien wieħed validu, u sforz tali impediment illi l-konvenut ma resaqx għall-kuntratt f'ismu proprju mal-attriċi. Fil-fatt dan stess tikkonfermah l-attriċi tant illi tispjega illi *"Naqbel illi Giovanni kellu kollox maqbud permezz ta' sekwestru… kieku ma kienx ghal dan is-sekwestru konna niehdu l-loan bejnietna"* (sottolinejar tal-Qorti); u,

iv. **L-attriċi tikkontendi li dwar is-self mill-bank qatt ma kien hemm ftehim dwar min ser iħalsu, u b'hekk daqqa kienet tħallsu hi u daqqa jħallsu**

[89] Fol. 86, 119.

> **hu, izda kien jaqsmu l-ispejjez kollha,** liema dikjarazzjoni fil-fehma tal-Qorti tkompli tikkonferma kemm l-attriċi ma dehritx għaliha waħedha fuq il-kuntratt izda ukoll bħala *prestanome* għall-konvenut. Huwa minnu li mill-*istatements* bankarji ezebiti jirrizulta li l-pagamenti tas-self in kwistjoni dejjem ittiehdu mill-kont tal-attriċi bin-numru 033-167073-050 mal-HSBC Bank Malta plc,[90] fejn kienet tidħol il-paga tal-attriċi meta kienet għadha taħdem. Madanakollu, minn dak iddikjarat mill-attriċi stess. jidher ċar illi bejn il-partijiet dejjem kien hemm l-abitudni illi jaqsmu kollox, inkluz il-pagamenti għall-ħlas tal-*loan* u spejjez oħra. Kieku dan ma kienx minnu, il-Qorti ma tarax għaliex l-attriċi kellha tagħmel tali dikjarazzjoni bil-konsegwenza li titfa' l-ġebla fuq saqajha.

Għaldaqstant, il-Qorti tallontana ruħha mill-konkluzjoni tal-Perit Legali, hekk kif jidher ċar illi l-konvenut ma deherx fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-fond mhux kappriċċozament jew sempliċiment għax ma kellux l-interess li jagħmel dan, izda minħabba impediment validu li pprekludih milli jidher fuq l-istess kuntratt. Għalkemm mill-atti ma jirrizultax illi kien hemm kunsens espress bil-miktub sabiex l-attriċi tidher bħala *prestanome* għall-konvenut, tali kunsens espress ġie nonostante ppruvat. B'hekk tali fond ma jistgħax jiġi meqjus fl-interita' tiegħu bħala proprjeta' parafernali tal-attriċi.

Stabbilit il-premess, il-Qorti qiegħda tiddikjara li l-proprjeta bl-indirizz *"Sean Court, Flat 11, Triq l-Iskuna, Qawra"*, m'għadhiex isservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet. Mill-atti jirrizulta illi filwaqt li fil-prezent l-attriċi qiegħda tirrisjedi fl-immsemmija proprjeta', l-konvenut qiegħed jikri proprjeta' fejn jgħix għaliex ma għandux residenza alternattiva. Fiċ-ċirkostanzi u ġialadarba huwa stabbilit li l-konvenut huwa unikament ħati għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba abbandun, il-Qorti tikkonsidra, u dan ai termini tal-Artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili, illi l-attriċi għandha tingħata d-dritt li tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali. Madanakollu jeħtieġ pero' jiġi ezaminat jekk tali dritt ta' abitazzjoni esklussiva għandux jingħata *vita durante* jew inkella għal perjodu determinat. Huwa ċar li l-attriċi ma għandhiex il-volonta' li titlaq mid-dar matrimonjali u b'hekk għandha ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Giovanna sive Jane Bianco vs Carmelo Bianco**, deċiza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013, fejn ġie mgħallem illi:

[90] Fol. 132.

*"L-Artikolu 55A m'ghandux jigi applikat b'mod li jservi sabiex parti tibqa' privata ndefinittivament minn dak li jispetta lilha skont il-ligi, partikolarment fil-kaz in kwistjoni meta d-dar u l-garaxx huma l-unici assi ta' sustanza li ghandhom il-partijiet. Inoltre, it-tifla m'ghadhiex minorenni, u ghalhekk mhux il-kaz ta' minuri li ser issofri pregudizzju bil-bdil tar-residenza. Min-naha l-ohra pero`, f'kazijiet bhal dak in dizamina fejn il-htija tal-firda tkun tirrisjedi unikament fuq parti wahda, hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 55A b'mod ristrett ghal dak li hu t-tul ta' perjodu li fih il-parti tkun tista' tabita ad eskluzjoni tal-parti l-ohra. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-htija unika tal-konvenut ghal firda, pprefiggiet terminu massimu ta' sentejn. Din il-Qorti thoss li jkun gust li dan il-perjodu jizdied ghal erba' (4) snin, fis-sens li l-attrici u bint il-partijiet ikollhom dritt li jabitaw fil-fond konjugali, inkluz l-uzu tal-garaxx, ad eskluzjoni tal-konvenut ghall-perjodu ta' massimu ta' erba' snin, wara liema perjodu l-fond jinbiegh bl-ghamara li hemm fih u r-rikavat jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet."*

Dan il-prinċipju ġie sussegwentament ikkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Marzu 2018.

Kif ritenut iktar 'il fuq, il-konvenut instab unikament ħati għat-tkissir taz-zwieġ, u għandu residenza alternattiva li tagħha jħallas il-kera u ilu jagħmel dan sa minn meta telaq mid-dar matrimonjai fl-2010. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti temmen li jkun ġust illi l-attriċi flimkien ma' binha u ad eskluzjoni tal-konvenut, tingħata d-dritt ta' abitazzjoni tad-dar matrimonjali għal zmien massimu ta' ħames (5) snin mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Dan il-perjodu huwa bizzejjed kemm għall-attriċi sabiex tibda taħseb u ssib residenza alternattiva, u kif ukoll għall-konvenut sabiex jagħmel tajjeb għall-abbandun tiegħu fil-konfront ta' martu b'dana illi ma jiġix ipprivat inġustament u indefinittivament minn dak li jappartjeni lilu. Wara dan it-terminu ta' ħames (5) snin, il-proprjeta' in kwistjoni għandha titpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ bl-għamara li hemm fiha, bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' tlett *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Ir-rikavat għandu jiġi maqsum billi: (i) fl-ewwel lok għandu jitnaqqas kwalsiasi dejn li jkun għad fadal fuq il-fond innifsu, (ii) fit-

tieni lok għandha titnaqqas is-somma ta' €30,281.90 u tingħata lill-konvenut bħala sehemu parafernali maħruġ qabel iz-zwieġ, (iii) fit-tielet lok titnaqqas is-somma ta' €3,069.98 u tingħata lill-attriċi bħala sehemha parafernali li bihom ħallset il-*loan* fuq l-istess fond,[91] u (iv) fir-raba' lok, il-bilanċ tar-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Il-Qorti tordna li jekk fil-prezent għad hemm dejn mal-Bank fuq il-fond in kwistjoni, tali dejn għandu jkompli jitħallas ugwalment miz-zewġ partijiet.

## 7. Kunjom Xbubit l-Attriċi:

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoe' *'Vella'*. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE:

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dana illi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ hija attribwibbli unikament lill-konvenut; Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa 393/2005, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tiċħad it-tieni talba attriċi, u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri għandha tibqa' fdata liz-zewġ partijiet b'mod konġunt, b'dana illi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-omm ġewwa Malta, f'dik ir-residenza hekk stabbilita minnha għaliha nnifisha u għal binha; tordna ukoll l-konvenut għandu jibqa' jezerċita aċċess liberu ma' ibnu, fejn għandu d-dritt jikkomunika ma' ibnu b'mod eletroniku u kif ukoll telefonikament, filwaqt li jiltaqa' ma' ibnu

[91] Din is-somma ġiet ikkalkolata abbazi tal-fatt li l-bank dejjem ħa s-somma ta' Lm 76 kull ħmistax (15) tax-xahar, u dan kif jidher mill-i*statements* bankarji a fol. 120 – 128. Il-Qorti ħadet rendikont mill-15 ta' Novembru 2003, ċjoe' l-ewwel pagament li jidher fl-i*statements* bankarji ezebiti, sal-pagament tal-15 ta' Marzu 2005, ċjoe' l-aħħar pagament imħallas qabel iz-zwieġ.

b'mod liberu. F'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, il-Qorti tordna illi l-konvenut ikollu aċċess versu l-minuri nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn is-6.00pm u t-8.00pm u b'mod alternat darba s-Sibt u darba l-Ħadd, fejn jekk jaħbat is-Sibt l-aċċess għandu jkun mill-10.00am sat-8.00pm, u jekk jaħbat il-Ħadd mill-10.00am sas-6.00pm. Naturalment f'kaz ta' attivitajiet extra kurrikulari waqt l-aċċess, il-missier għandu jieħu ħsieb li jieħu lill-minuri għall-imsemmija attivitajiet;

3. Tilqa' it-tielet talba attriċi u tordna lill-konvenut iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar bħala manteniment għall-minuri, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal G B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-istess minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk it-tifel minuri jagħzel li jmur igħix għal rasu wara li jsir maġġorenni, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

4. Tiċħad ir-raba talba attriċi u dan *rebus sic stantibus*, izda fi kwalunkwe l-kaz, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'kaz ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-zewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment;

5. Tilqa' l-ħames talba attriċi u tiddikjara illi l-konvenut iddekada minn kull jedd għall-manteniment minn għand l-attriċi;

6. Tilqa' s-sitt u tmien talba, billi xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tal-sitt (5) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-*

*Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali*; l-istess japplika fir-rigward tal-assenjazzjoni tal-assi parafernali;

7. Tilqa' s-seba' talba attriċi u tapplika *in toto* fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

8. Tilqa' id-disa' talba u tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha.

L-ispejjez tal-kawza, inkluz id-dritt tal-Periti Legali, għandhom ikunu sapportati kollha mill-konvenut.